QORTI CIVILI PRIM`AWLA
(GURISDIZZJONI KOSTITUZZJONALI)

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH ZAMMIT MCKEON**

**Illum il-Hamis 29 ta` Ottubru 2015**

**Kawza Nru. 2**
**Rikors Nru. 2/10 JZM**

**Anthony Mifsud**

***kontra***

**Avukat Generali**

**Il-Qorti :**

## I. Preliminari

Rat ir-rikors prezentat fit-13 ta` Jannar 2010 li jaqra hekk –

*Illi l-esponent ipprezenta rikors kostituzzjonali quddiem l-Onorabbli Qorti Civili Prim`Awla (Sede Kostituzzjonali) fis-26 ta` Mejju 1987 li permezz tieghu talab lill-Qorti twettaq dak li hemm provdut fl-Artikoli 34 u 36 tal-Kostituzzjoni, fosthom billi tiddikjara lill-intimati Supretendent Carmelo Bonello, Supretendent Joseph Psaila, il-Kummissarju tal-Pulizija hatja ta` trattament inuman u degradanti bi ksur tal-Artikolu 36 tal-Kostituzzjonali ta` Malta u hajta ta` arrest jew detenzjoni arbitarja bi ksur tal-Artikolu 34 tal-Kostituzzjoni ta` Malta, u tiffissa l-kumpens skond l-Artikolu 34 (4) tal-Kostituzzjoni.*

*Illi b`digriet tat-12 ta` Ottubru 1998 gie msejjah fil-kawza Dr. Lawrence Pullicino, u b`digriet tas-17 ta` Dicembru 1998 gie kjamat fil-kawza Anthony Mifsud Tommasi, u b`digriet tal-15 ta` Marzu 1998 l-istess Anthony Mifusd Tommasi gie estromess mill-kawza.*

*Illi b`sentenza moghtija fit-30 ta` Ottubru 2008, il-Prim` Awla tal-Qorti Civili (Sede Kostituzzjonali) laqghet it-talbiet tar-rikorrent Anthony Mifsud u ddikjarat :*

*1. Illi l-intimati vvjolaw id-dritt fundamentali tar-rikorrent li ma jigix assoggettat ghal pena jew trattament inuman jew degredanti ai termini ta` l-Artikolu 36 tal-Kostituzzjoni ;*

*2. Illi l-intimati vvjolaw id-dritt fundamentali tar-rikorrent ghal protezzjoni minn arrest jew detenzjoni arbitrarja ai termini ta` l-Artikolu 34 ta` Kostituzzjoni ;*

*3. Illi ghal dawn ir-ragunijiet illikwidat il-kumpens dovut lir-rikorrent ghall-ksur tad-drittijiet fundamentali tieghu fis-somma ta` mija u sitta u tmenin elf, tlett mija u disgha u erbghin Ewro u sebgha u tmenin centezmu (€186,349.87) ekwivalenti ghal tmenin elf Lira Maltija (Lm80,000) ;*

*4. Ikkundannat lill-intimati Kummissarju tal-Pulizija, Carmelo Bonello, Joseph Psaila u Dr. Lawrence Pullicino in solidum bejniethom sabiex ihallsu lir-rikorrent l-istess somma ta` €186,349.87 ;*

*5. Bl-ispejjez gudizzjari kollha kontra l-istess intimati solidament bejniethom ;*

*6. Bl-imghax legali mid-data tas-sentenza sal-pagament effettiv.*

*Illi b`sentenza tat-18 ta` Settembru 2009, l-Onorabbli Qorti Kostituzzjonali, filwaqt li cahdet l-appell ta` Anthony Mifsud bl-ispejjez kontra, laqghet biss in parte l-appell ta` l-intimati Carmelo Bonello, Joseph Psaila, u Dr. Lawrence Pullicino u ghalhekk irriformat is-sentenza appellata billi kkonfermatha ghall-ksur tad-drittijet fundamentali tar-rikorrent Anthony Mifsud protetti bl-Artikoli 36 u 34 tal-Kostituzzjoni, izda hassritha u rrevokatha in kwantu kkundannat lil dawn l-istess tlett intimati li jhallsu lir-rikorrent ghall-istess ksur fis-somma ta` €50,000. Din is-somma hija dovuta in solidum bejn l-istess tlett intimati, kif ukoll in solidum ma` l-intimat Kummissarju tal-Pulizja u tithallas lir-rikorrent bl-imghax legali dekorribli mil-lum sal-effettiv pagament. A skans ta` ekwivoci gie ddikjarat li l-ahhar imsemmija somma ta` €50,000 ma hijiex addizzjonali ma` l-ahhar imsemmija somma. Is-solidarjeta` bejn l-erba` intimati ghall-hlas tal-istess somma testendi biss ghas-somma ta` €50,000 u l-imghax relattiv kif fuq inghad. Rigward il-kap ta` l-ispejjez, irrevokat is-sentenza*

*appellata fejn din l-ordnat li l-ispejjez gudizzjarji kollha jithallsu mill-intimati solidament bejniethom u minflok ordnat li : (a) kwantu ghall-ispejjez tal-ewwel istanza, dawn ghandhom jithallsu kwantu ghal 20% mir-rikorrent u r-rimanenti 80% mill-intimati solidalment bejniethom ; (b) kwantu ghall-ispejjez ta` l-appell li ma humiex diga` decizi, dawn jithallsu kwantu ghal 20 % mir-rikorrent u kwantu ghar-rimanenti 80% mit-tlett intimati Carmelo Bonello, Joseph Psaila u Dr. Lawrence Pullicino in solidum bejniethom.*

*Illi bl-istess sentenza gie wkoll iddikjarat illi peress li l-intimat Kummissarju tal-Pulizija ma appellax mis-sentenza ta` l-ewwel Qorti, dik l-istess sentenza, inkluz il-kumpens hemm likwidat ta` €186,349.87, ghaddiet in gudikat fil-konfront tal-istess Kummissarju tal-Pulizija, u ghalhekk din l-ahhar imsemmija somma, bl-imghax legali kif imsemmi fl-istess sentenza hija esigibbli fil-konfront ta` l-istess Kummissarju tal-Pulizija.*

*Illi, f`dawn il-proceduri, mibdija fis-26 ta` Mejju 1987 u tterminati fit-18 ta` Settembru 2009, kien hemm dewmien eccessiv.*

*Illi l-proceduri damu pendenti quddiem il-Prim`Awla tal-Qorti Civili (presjeduta minn gudikanti differenti) mis-26 ta` Mejju 1987 sat-30 ta` Ottubru 2008, hlief ghall-perjodu wiehed meta sar appell mill-intimat Carmelo Bonello, liema appell gie deciz b`sentenza ta` l-Onorabbli Qorti Kostituzzjonali tas-26 ta` Ottubru 1992.*

*Illi l-Onorabbli Qorti Kostituzzjonali ordnat espressament illi :*

*"L-atti ghandhom **immedjatament** - in kwantu din hija kawza skond l-artikolu 46 tal-Kostituzzjoni, jintbaghtu lura mill-ewwel Qorti ghall-kontinwazzjoni skond il-ligi."*

*Illi minkejja li l-esponent ipprova jikseb il-kumpens anke barra l-Qorti, it-twegiba governattiva moghtija mill-Ministeru tal-Gustizzja u Gvern Lokali datata 11 ta` Awissu 1999 kienet segwenti :*

*"Nixtieq ngharrfek li l-ittra tieghek tat-23 ta` Lulju 1999 – mibghuta lill-Onor. Dr. Austin Gatt, Ministru tal-Gustizzja u Gvern lokali – giet mghoddija lil dan l-Ufficcju biex jitkompla l-process dwar it-talba tieghek.*

*Tapprezza li kemm il-Ministeru kif wkoll l-Ufficcju tal-Avukat Generali qeghdin jaghtu l-kunsiderazzjoni kollha mistennija lil dik it-talba."*

*Illi, filwaqt li l-persuni ohra li talbu kumpens barra l-Qorti nghataw il-kumpens fi zmien ragonevoli, fil-kaz tar-rikorrent l-imsemmija awtoritajiet*

*statali ddiskriminaw mieghu u baqghu qatt ma offrewlu l-ebda somma bhala kumpens – la dik li talab hu u lanqas ebda somma ohra.*

*Illi minhabba dan id-dewmien eccessiv, id-dritt tar-rikorrent Anthony Mifsud ghad-determinazzjoni tad-drittijiet civili tieghu fi zmien ragonevoli, garantit mill-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta` Malta kif ukoll mill-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea (Kapitolu 319 tal-Ligijiet) gie vvjolat.*

*Illi, barra minn hekk, ghalkemm l-Istat, fil-figura u kariga tal-Kummissarju tal-Pulizija, accetta u ssokkomba ghas-sentenza tat-30 ta` Ottubru 2008 moghtija mill-Prim` Awla tal-Qorti Civili billi ma appellax minn dik is-sentenza, l-Istat sallum ghadu ma hallasx lil Anthony Mifusd is-somma ta` €186,349.87 flimkien ma` l-imghax skond il-ligi mill-imsemmija data tat-30 ta` Ottubru 2008, minkejja l-ordni esplicitu kontenut fis-sentenza tal-Qorti.*

*Fit-tieni lok, illi l-esponent kien gie arrestat fil-11 ta` Gunju 1982 u nzamm arrestat fil-Kwartieri Generali tal-Pulizija sal-15 ta` Gunju 1982, f`liema data huwa gie mixli quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) b`komplicita` u konnivenza fil-harba mill-Habs Civili ta` Louis Bartolo u Ahmed Khalil Habib, zewg prigunieri li kienu jinsabu mizmuma fil-Habs ta` Kordin fuq akkuza ta` omicidju volontarju.*

*Illi, minkejja diversi talbiet lill-Qorti tal-Magistrati u lill-Qorti Kriminali ghall-helsien mill-arrest, l-esponent ma nghatax il-liberta` provvizorja u baqa` jinzamm taht kustodja preventiva – minkejja li kien prezunt innocenti – mill-15 ta` Gunju 1982 sad-19 ta` Gunju 1985, il-jum li fih huwa gie misjub mhux hati mill-gurija u ddikjarat mhux hati mill-Onorabbli Qorti Kriminali ta` l-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu.*

*Illi tenut kont tal-fatt li l-akkuzi migjuba kontra tieghu kienu jgorru maghhom piena ta` tliet (3) snin prigunerija, kif ukoll tal-fatt li l-esponent kien prezunt innocenti mill-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta` Malta, l-arrest, detenzjoni u kustodja preventiva tieghu mill-15 ta` Gunju 1982 sad-19 ta` Gunju 1985 ivvjolaw id-dritt ta` l-esponent ghal smigh xieraq fi zmien ragonevoli kif ukoll id-dritt ghall-protezzjoni minn arrest jew detenzjoni arbitrarja.*

*Illi minflok, l-esponent spicca biex skonta l-piena shiha ghall-akkuzi migjuba kontra tieghu ta` tliet (3) snin prigunerija minkejja li <u>kien innocenti</u> u li <u>kien prezunt innocenti</u> mill-Kostituzzjoni ta` Malta.*

*Illi minhabba f`hekk, id-dritt ta` l-esponent ghall-prezunzjoni ta` l-innocenza u d-dritt ghal smigh xieraq fi zmien ragonevoli ta` l-akkuzi kriminali*

*dedotti kontra tieghu, garantiti mill-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta` Malta, gew ivvjolati.*

*Ghaldaqstant l-esponent jitlob bir-rispett illi din l-Onorabbli Qorti joghgobha taghmel dawk l-ordnijiet, tohrog dawk l-atti u taghti dawk id-direttivi li tqis xierqa sabiex twettaq u tordna t-twettiq ta` dak li hemm ipprovdut fl-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta` Malta kif ukoll fl-Artikolu 34 tal-Kostituzzjoni rigward id-dritt ghall-protezzjoni minn arrest jew detenzjoni arbitrarja u ghall-liberta` personali, fl-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea (Kapitolu 319 tal-Ligijiet), fosthom billi :*

1. *Tiddikjara illi gie vvjolat id-dritt ta` l-esponent ghal smiegh xieraq fi zmien ragonevoli tal-**proceduri kriminali** kontra tieghu (Att ta` Akkuza Numbru 16/83) ;*

2. *Tiddikjara illi gie vvjolat id-dritt ta` l-esponent ghal-**liberta` personali** mill-15 ta` Gunju 1982 sad-19 ta` Gunju 1985, peress li baqa` jinzamm taht kustodja preventiva ghal 3 snin shah ;*

3. *Tiddikjara illi gie vvjolat fil-konfront ta` l-esponent il-principju dwar il-"**prezunzjoni ta` l-innocenza"** protett mill-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta` Malta, peress li kellu jiskonta l-piena ta` 3 snin prigunerija ghall-akkuzi li gie mixli bihom minkejja li hu kien prezunt innocenti ;*

4. *Tordna l-hlas ta` kumpens xieraq ;*

5. *Tiddikjara inoltre illi gie vvjolat id-dritt ta` l-esponent ghal smiegh xieraq fi zmien ragonevoli fil-**proceduri kostituzzjonali** istitwiti minnu (Rikors Numru 176/87) ;*

6. *Tordna l-hlas ta` kumpens xieraq.*

Rat ir-risposta prezentata fit-8 ta` Frar 2010 li taqra hekk –

***Il-Pretensjonijiet tar-Rikorrent***

*Illi l-pretensjonijiet tar-rikorrenti huma fis-sens illi t-tul tal-proceduri kostituzzjonali allegatament jiksru d-drittijiet fundamentali ta` l-istess rikorrenti ghal smiegh xieraq fi zmien ragonevoli. Ir-rikorrenti qed jilmenta wkoll illi*

*allegatament id-dritt ghall-liberta` personali tieghu gie vjolat kif ukoll illi d-dritt ghall-prezunzjoni ta` l-innocenza kif protetti bl-Artikolu 34 u l-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta` Malta gew ukoll vjolati.*

*Illi r-rikorrenti diga` ntavola tlett proceduri simultanjament naxxenti mill-istess incident mertu tar-rikors odjern. Infatti fl-24 ta` Jannar 1986 gie registrata fir-Registru tal-Qrati Superjuri l-kawza fl-ismijiet 'Anthony Mifsud vs Kummissarju tal-Pulizija et' (Citazz. Nru. 66/86 FGC) deciza fis-16 ta` Ottubru 1998 fejn ir-rikorrenti kien qieghed jillamenta illi minhabba l-proceduri kriminali mehuda kontra tieghu huwa ma rceviex is-salarju u bonus kif ukoll ma rceviex is-somma allegatament dovuta lilu ghal extra duties fil-habs matul l-Elezzjonijiet Generali ta` l-1981. L-istess rikorrent kien qed jitlob illi jithallas is-somma ta` Lm1,002 jew somma ohra verjuri. Dina l-Onorabbli Qorti fil-kompetenza civili taghha iddikjara l-att ta` citazzjoni null. Sussegwentement fis-26 ta` Mejju 1987 ir-rikorrent intavola proceduri kostituzzjonali u civili fl-ismijiet 'Anthony Mifsud vs Supretendent Carmelo Bonello et' (Rikors Kostituzzjonali numru 176/87) u 'Anthony Mifsud vs Supretendent Carmelo Bonello et' (Citazz. Nru. 405/87) rispettivament. Il-proceduri kostituzzjonali ghaddew in gudikat permezz tas-sentenza tat-18 ta` Settembru 2009 filwaqt li dawk civili ghandhom pendenti quddiem il-Qorti ta` l-Appell.*

*Il-fatti kollha kif dedotti fir-rikors promotur diga` ingabu u gew annalizzati minn dina l-Onorabbli Qorti kif ukoll mill-Qorti Kostituzzjonali u infatti diga` gie likwidat il-kumpens a favur ir-rikorrent. Dan kif osservat l-Ewwel Qorti fil-kawza bin-numru 176/87, li l-kumpens kien qieghed jinghata 'tenut kont ta` dak kollu li ghadda minnu Anthony Mifsud kemm fil-granet li kien mizmum arrestat id-Depot, waqt l-interrogatorju, ghaz-zmien li dam il-habs cioe' tlett snin biex wara gie liberat minn kull akkuza u tenut wkoll kont ta` dak li ghadda minnu l-istess rikorrent kawza tal-istess esperjenza'.*

***<u>L-Eccezzjonijiet</u>***

***1. <u>L-inammissibilta`</u>***

*Illi dawn il-pretensjonijiet, hlief ghal dik dwar it-tul tal-proceduri kostituzzjonali qeghdin jigu akkampati madwar tmienja u ghoxrin sena wara li graw il-fatti illi minnhom qieghed jilmenta r-rikorrent u wara li giet deciza finalment il-kawza kostituzzjonali illi r-rikorrent ghamel dwar l-istess fatti illi qeghdin issa jigu prezentati bhala li jivvjolaw artikoli differenti tal-Kostituzzjoni u tal-Konvenzjoni Ewropeja minn dawk citati mir-rikorrent fl-imsemmija kawza diga deciza.*

*Illi ghalhekk ir-rikors promotur huwa wiehed frivolu u vessatorju u*

*abbuziv tal-process gudizzjarju ai termini ta` l-Artikolu 46(5) tal-Kostituzzjoni stante li mhux ghajr riproponiment ta` kawza kostituzzjonali li diga` gie proposta u deciza mill-Qorti Kostituzzjonali fit-18 ta` Settembru 2009 fl-ismijiet "Anthony Mifsud vs Supretendent Carmelo Bonello, Supretendent Joseph Psaila, u Kummissarju tal-Pulizija, u b`digriet tat-12 ta` Ottubru 1988 gie msejjah fil-kawza Dr. Lawrence Pullicino, u b`digriet tas-17 ta` Dicembru 1998 gie kjamat fir-rikors Anthony Mifsud Tommasi, u b`digriet tal-15 ta` Marzu 1998 il-kjamar fir-rikors Anthony Mifusd Tommasi gie estromess minn din il-procedura" (Rikors Nru. 176/1987/2). Kif gie ritenut diversi drabi fil-gurisprudenza nostrali, din il-Qorti kif adita m`hijiex qorti ta` revizjoni u dan peress li m`hijiex il-funzjoni taghha li tiddeciedi kwistjonijiet illi jkunu diga` decizi minn dina l-Qorti fil-funzjoni kostituzzjonali taghha, izda biss jekk tali decizjonijiet jivvjolawx id-drittijiet fundamentali.*

*Illi ukoll, in kwantu r-rikorrenti qieghed jitlob id-diskuzzjoni mill-gdid ta` meritu li diga` gie trattat fit-tul u deciz fil-kawza fl-ismijiet "Anthony Mifsud vs Supretendent Carmelo Bonello, Supretendent Joseph Psaila, u Kummissarju tal-Pulizija, u b`digriet tat-12 ta` Ottumbru 1988 gie msejjah fil-kawza Dr.Lawrence Pullicino, u b`digriet tas-17 ta` Dicembru 1998 gie kjamat fir-rikors Anthony Mifusd Tommassi, u b`digriet tal-15 ta` Marzu 1998 il-kjamat fir-rikors Anthony Mifsud Tommassi gie estromess minn din il-procedura" (Rikors Nru. 176/1987/2) mill-Qorti Kostituzzjonali, u senjatament il-meritu ta` l-incident rigwardanti l-arrest, id-detenzjoni u l-proceduri l-istess rikorrenti diga` inghata rimedju adegwat fil-forma ta` kumpens xieraq, l-azzjoni odjerna tikkozza ma` l-awtorita` tar-res iudicata stabbilita permezz ta` l-imsemmija sentenza tal-Qorti Kostituzzjonali tat-18 ta` Settembru 2009.*

*Illi in vista ta` din is-sitwazzjoni ghal kollox partikolari hekk kif bazata unikament fuq l-aptit insatjabbli tar-rikorrent ghal izjed kumpens wara li huwa kien diga` akkampa pretensjonijiet ghal ammonti ghal kollox stellari fil-kawza kostituzzjonali deciza finalment fit-18 ta` Settembru 2009 u wara li dawn gew respinti u huwa gie akkordat kumpens generuz izda hafna izjed realistiku minn dak li talab, l-esponent ma jistax hlief jenfasizza illi t-talbiet avvanzati fir-rikors promotur huma merament frivoli u vessatorji billi jikkostitwixxu r-riciklagg ta` l-istess fatti illi iffurmaw il-meritu tal-kawza kostituzzjonali diga` deciza fit-18 ta` Settembru 2009 u li taghhom kollha diga` nghata kumpens b`sentenza finali tal-Qorti Kostituzzjonali li kellha quddiemha l-fatti kollha migjuba f`din il-kawza meta ddeterminat il-kumpens dovut lir-rikorrent. Ghalhekk ghat-talbiet tar-rikorrent jostaw kemm, kif diga inghad, l-awtorita` tar-res iudicata kif ukoll il-principju salvagwardanti c-certezza tad-dritt u l-finalita` tal-gudikat `ne bis in idem`.*

*Illi t-talbiet tar-rikorrent bazati fuq avvenimenti li graw qabel ma bdiet l-ewwel kawza kostituzzjonali tieghu huma wkoll partikolarment frivoli u vessatorji stante t-trapass taz-zmien mindu graw dawk il-fatti u wkoll stante illi r-rikorrent messu gieb `il-quddiem dawk l-ilmenti fl-ewwel kawza u mhux jahli z-*

*zmien tal-Qorti billi l-ewwel javvanza numru ta` pretensjonijiet bazati fuq artikoli partikolari u wara li l-Qorti tatu kumpens jerga` javvanza l-istess fatti bhala allegatament vjolattivi ta` artikoli ohra. Huwa car illi r-rikorrent ghandu obbligu illi jkun onest mal-Qorti u li l-addottar ta` manuvri ta` sorpriza jattira l-frivolozita u l-vessatorjeta`.*

***Nuqqas ta` interess guridiku***

*Illi lanqas ma huma legalment possibbli illi wara li Qorti tkun tat kumpens taht il-Kapitolu IV tal-Kostituzzjoni jew taht il-Kap 319 minhabba illi tkun sabet illi certi fatti migjuba quddiemha jkunu jikkostitwixxu vjolazzjoni tad-drittijiet fundamentali, dik il-Qorti terga` tisma` kawza dwar l-istess fatti sabiex tiddetermina jekk dawk il-fatti jikkostitwux vjolazzjoni ta` xi artikoli ohra tal-Kostituzzjoni jew tal-Kap 319 u dan billi la darba l-vjolazzjoni tad-drittijiet fundamentali li r-rikorrent ikun sofra abbazi tal-fatti in kwistjoni tkun giet rimedjata ma jkunx aktar possibbli illi l-Qorti tintalab tirrimedja vjolazzjoni diga rimedjata. Tant hu hekk illi anke l-istess Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem regolarment tiddeciedi illi la darba tkun sabet illi certi fatti jivvjolaw xi artikolu partikolari tal-Konvenzjoni ma jkunx hemm lok illi hija tkompli tezamina jekk dawk l-istess fatti jivvjolawx artikoli ohra tal-Konvenzjoni wkoll.*

*Illi ghalhekk it-talbiet tar-rikorrent huma wkoll affetti min-nuqqas ta` interess guridiku.*

*2. **Rimedji Ordinarji***

*Subordinatament u minghajr pregudizzju ghall-premess l-esponent jissottometti illi r-rikorrenti qieghed jabbuz mill-process kostituzzjonali stante illi qieghed jadopera procedura straordinarja bhal ma hija l-procedura odjerna meta kellu a disposizzjoni tieghu rimedju ordinarju sabiex ihares d-drittijiet pretizi minnu. F`dan ir-rigward l-esponenti jirreferi ghall-proviso ghall-artikolu 4(2) tal-Kapitolu 319 tal-Ligijiet ta` Malta.*

*Illi dwar l-allegat l-arrest illegali, l-esponenti jissottometti illi r-rikorrent naqas li jitlob ir-rimedju tal-habeas corpus ai termini ta` l-Artikolu 137 tal-Kodici Kriminali (Kap. 9 tal-Ligijiet ta` Malta). Dan ir-rimedju provdut skond il-ligi Maltija huwa adegwat u effettiv sabiex jipprotegi lir-rikorrenti u ghalhekk ir-rikorrenti ma jistax jissorvola dawn ir-rimedji u jirrikorri fl-ewwel lok f`sede Kostituzzjonali u dan di piu` meta ghaddw kwazi tletin sena mentri huwa seta` ezercita r-rimedju ordinarju a tempo vergine.*

***Dwar it-tul tal-proceduri Kostituzzjonali***

*Illi ghar-rigward tal-pretensjonijiet tar-rikorrent rigward it-tul tal-kawza kostituzzjonali fl-ismijiet "Anthony Mifsud vs Supretendent Carmelo Bonello, Supretendent Joseph Psaila, u Kummissarju tal-Pulizija, u b`digriet tat-12 ta` Ottubru 1988 gie msejjah fil-kawza Dr.Lawrence Pullicino, u b`digriet tas-17 ta` Dicembru 1998 gie kjamat fir-rikors Anthony Mifsud Tommasi, u b`digriet tal-15 ta` Marzu 1998 il-kjamat fir-rikors Anthony Mifusd Tommasi gie estromess minn din il-procedura" (Rikors Nru.176/1987/2) deciza fit-18 ta` Settembru 2009 l-esponent jissottometti illi din il-procedura bhala wahda kostituzzjonali tikkostitwixxi procedura straordinarja u m`hijiex inkwadrabbli bhala procedura determinazzjoni ta` drittijiet jew obbligi civili u li ghalhekk l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropeja u l-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ma japplikawx ghall-istess procedura bl-istess mod kif ma japplikawx dwar procedura quddiem il-Qorti Ewropeja tad-Drittijiet tal-Bniedem.*

*Subordinatament, l-esponent jissottometti illi r-rikorrent stess kien jahti ghat-tul illi hadet biex giet konkluza l-kawza kostituzzjonali u dan billi ikkonduca l-proceduri b`mod dizordinat u spontaneju, bidel diversi drabi l-pretensjonijiet tieghu, ikkontribwixxa ghad-dewmien meta dam sabiex jipprezenta n-nota tieghu u talab s-sospenzjoni tal-prolazzjoni tas-sentenza sabiex jinhatru periti u anke periti addizzjonali meta l-kawza kienet diga` matura ghas-sentenza u bis-sottomissjonijiet finali bil-miktub konkluzi, u anke billi intavola appell mis-sentenza tal-Prim Awla li gie michud.*

***Eccezzjonijiet ohra fil-meritu***

*Subordinatament u minghajr pregudizzju ghall-permess l-esponent jissottometti illi fil-mertu, il-pretensjonijiet tar-rikorrenti huma nfondati fil-fatt u fid-dritt ukoll ghar-ragunijiet segwenti :-*

*L-Artikolu 34(1) tal-Kostituzzjoni huwa ntiz sabiex ihares lill-individwu mill-arrest arbitrarju unikament fis-sens li jippermetti l-arrest biss ghar-ragunijiet espressament elenkati fil-paragrafi tas-subartikolu (1) tieghu. Jekk l-arrest jew detenzjoni hi ghal wiehed mill-iskopijiet imsemmija u tkun saret skond kif previst mil-ligi dik id-detenzjoni mhix arbitrarja ghaliex tkun espressament sancita bl-artikolu fuq imsemmi.*

*Illi d-detenzjoni tar-rikorrenti kienet tinkwadra ruhha taht wahda mill-eccezzjonijiet li jipprovdi ghalihom il-paragrafu (f) ta` l-Artikolu 34 tal-Kostituzzjoni ta` Malta, persuna tista` tigi pprivata mil-liberta` personali taghha meta jkun hemm `suspett ragonevoli li huma jkun ikkometta, jew ikun sejjer jikkommetti, reat kriminali`.*

*Illi r-rikorrent kien ittella` b`arrest quddiem il-Qorti tal-Magistrati fil-15 ta` Gunju 1982 akkuzat b`diversi reati. Il-fatt illi r-rikorrenti baqa` taht arrest preventiv anke wara talba li saret mir-rikorrenti quddiem il-Qorti Istruttorja bl-ebda mod ma huma leviz tad-drittijiet fundamentali. Dan gara kemm minhabba n-natura tal-kaz u tal-provi tal-prosekuzzjoni u l-fatt li l-evazjoni mill-habs ta` zewg persuni akkuzati b`omicidju volontarju holoq allarm konsiderevoli fost il-pubbliku u kif ukoll peress illi l-Qorti ma kinitx sodisfatta li, jekk ir-rikorrent jinghata l-helsien mil-arrest, ma jkunx hemm perikolu ta` tfixkil ghall-amministrazzjoni sewwa tal-gustizzja.*

*Illi l-Artikolu 39(1) u (2) tal-Kostituzzjoni ta` Malta jipprovdu illi sabiex jigi garantit id-dritt ghal smiegh xieraq, smiegh ghandu jsir fi zmien ragonevoli u jinstema` minn Qorti ndipendenti u mparzjali mwaqqfa b`ligi. L-Artikolu 6(1) tal-Kap. 319 imur oltre meta jipprovdi li s-smiegh ghandu jkun pubbliku u ghandu jkun quddiem tribunal indipendenti u imparzjali mwaqqaf b`ligi.*

*Illi skond il-gurisprudenza assodata kemm nostrali kif ukoll dik Ewropea, sabiex Qorti tasal ghal konkluzjoni dwar jekk kienx hemm ksur tad-dritt ta` smiegh xieraq fi zmien ragonevoli, il-procedura gudizzjarja mertu ghall-allegazzjonijiet trid tkun ezaminata fl-assejm taghha u ma jistax ikun ezaminat biss element jew parti wahda minn din il-procedura.*

*Illi hu accettat illi ma hemm l-ebda 'time limit' li Qorti trid bilfors tosserva fil-kors tal-proceduri quddiemha ghax altimenti l-interessi tal-gustizzja jigu pregudikati minhabba ghagla zejda u inkonsulta.*

*Illi sabiex dina l-Onorabbli Qorti tkun tista` tikkonsidra b`mod serju t-talba tar-rikorrenti irid jigi ippruvat illi mhux biss il-kaz dam pendenti izda li tali dewmien huwa wiehed kapriccuz u ntiz biex jizvantaggah fit-tgawdija tad-drittijiet tieghu skond il-Ligi.*

*Illi r-rikorrenti jilmenta li allegatament gie vjolat in konfront tieghu id-dritt hekk kif sancit mill-Artikolu 6(2) tal-Konvenzjoni Ewropeja liema artikoli jipprovdu li kull min jigi akkuzat b`reat kriminali ghandu jigi meqjus li jkun innocenti sakemm jigi ppruvat jew ikun wiegeb li hu hati u dan peress illi huwa dam taht arrest preventiv ghall-perjodu ta` tlett snin.*

*Illi ma gie vjolat l-ebda dritt fundamentali tar-rikorrent bid-detenzjoni tieghu u dan peress illi ma hemm ebda dritt ghal-liberta` provizjorja meta jkunu jezistu ragunijiet sufficjenti li jiggustifikaw dik id-detenzjoni u l-perikolu ta` intralc ta` provi huwa wiehed minn dawk ir-ragunijiet.*

*Illi in vista tas-suespost ma hemm l-ebda ksur ta` dawn l-Artikoli.*

*Salv eccezzjonijiet ohra premessi mil-ligi.*

Rat is-sentenza li tat il-Qorti Kostituzzjonali fit-18 ta` Settembru 2009 fil-kawza *'Anthony Mifsud vs Supretendent Carmelo Bonello et' (Nru. 176/1987/2).*

Rat id-digriet li tat fil-15 ta` Marzu 2010 fejn awtorizzat lir-rikorrent sabiex iressaq bhala prova (a) kopja legali ta` l-verbali ta` kull udjenza tal-procediment kriminali kontra r-rikorrent ; (b) kopja legali tat-talbiet kollha li ressaq ir-rikorrent ghall-helsien tieghu mill-arrest waqt l-istess procediment kriminali kif ukoll kopja legali tad-digrieti relattivi ghal kull talba ; u (c) kopja legali tal-verbali ta` kull udjenza tal-procediment kostituzzjonali.

Semghet ix-xiehda tar-rikorrent fl-udjenza tas-27 ta` April 2010.

Semghet ix-xiehda ta` Joseph Cini fl-udjenzi tas-27 ta` April 2010, tal-21 ta` Gunju 2010 u tat-2 ta` Novembru 2010, u rat id-dokument li pprezenta dan ix-xhud fl-udjenza tal-ahhar.

Rat in-nota b`dokumenti li pprezenta r-rikorrent fl-udjenza tal-21 ta` Gunju 2010.

Semghet ix-xiehda tal-Av. Audrey Vassallo u ta` Joseph Sacco fl-udjenza tal-14 ta` Frar 2011 u rat id-dokument li pprezenta dan l-ahhar xhud fl-istess udjenza.

Rat in-nota b`dokument li pprezenta l-intimat fl-udjenza tas-7 ta` April 2011.

Rat in-noti b`dokumenti li pprezenta r-rikorrent fl-udjenzi tat-22 ta` Mejju 2012, tat-28 ta` Gunju 2012 u tat-8 ta` Novembru 2012.

Rat in-nota b`dokumenti li pprezenta l-intimat fis-7 ta` Jannar 2013.

Rat in-noti ta` osservazzjonijiet tal-partijiet.

Semghet lid-difensuri jaghmlu s-sottomissjonijiet tal-ahhar fl-udjenzi tal-11 ta` Novembru 2013 u tat-28 ta` Novembru 2013.

Rat id-digriet li tat fl-udjenza tat-28 ta` Novembru 2013 fejn halliet il-kawza ghas-sentenza.

Rat l-atti l-ohra tal-kawza.

## II. Provi

Fil-kawza tal-lum, il-provi jikkonsistu l-aktar fil-presentata ta` ghadd gmielu ta` dokumenti. Dawn id-dokumenti huma principalment evidenza dwar il-mod kif kienu kondotti l-procedimenti, li dwarhom ir-rikorrent ressaq ilmenti dwar ksur ta` jeddijiet fondamentali fil-kawza tal-lum. Il-Qorti ezaminat id-dokumenti li pprezentaw iz-zewg partijiet, u tirreferi ghalihom `il quddiem. Fil-kors tal-kawza nstemghu wkoll xhieda 'viva voce' u l-Qorti sejra tirreferi fil-qosor ghal dak li xehdu.

**Ir-rikorrent** xehed illi fil-11 ta` Gunju 1982 kien gie arrestat u tressaq il-Qorti fil-15 ta` Gunju 1982. Ghadda guri u kien liberat mill-akkuzi dedotti kontra tieghu fid-19 ta` Gunju 1985. Minn meta tressaq il-Qorti sakemm kien deciz il-guri, baqa` dejjem arrestat. Kien ipprezenta rikors kostituzzjonali li kien deciz finalment fit-18 ta` Settembru 2009. Wara li pprezenta l-kawza tal-lum, ircieva l-pagament tal-kumpens. Waqt li kien arrestat, huwa talab il-helsien mill-arrest, izda t-talba tieghu kienet michuda.

**Av. Audrey Vassallo** – rapprezentant tad-Direttur – Qrati Civili u Tribunali – kienet mistoqsija kemm hadet zmien il-Qorti biex tiddeciedi li Dr. Lawrence Pullicino kellu jissejjah fil-kawza kostituzzjonali. Hija wiegbet illi t-talba saret fis-seduta tat-12 ta` Ottubru 1988, u l-Qorti tat digriet dakinhar stess. Mistoqsija kemm damet il-Qorti biex tikkonsidra li jigi kjamat fil-kawza Anthony Mifsud Tommasi u kemm damet biex tikkonsidra l-estromissjoni tieghu mill-kawza, ix-xhud wiegbet illi t-talba ghall-kjamata fil-kawza saret b`rikors tal-15 ta` Dicembru 1998 u kienet milqugha b`digriet tas-17 ta` Dicembru 1998. Kompliet tixhed illi fis-6 ta` Jannar 1999, il-Kummissarju tal-Pulizija ipprezenta rikors fejn talab ir-revoka tad-digriet ; il-Qorti laqghet it-talba u revokat d-digriet taghha precedenti fil-15 ta` Marzu 1999. Qalet illi wara li kien gie kjamat fil-kawza, Anthony Mifsud Tommasi ma pprezenta l-ebda rikors.

Ix-xhud kienet domandata jekk kienx hemm appelli nterlokutorji waqt s-

smigh tal-kawza kostituzzjonali. Hija wiegbet illi kien hemm zewg appelli – wiehed ta` Carmelo Bonello minn digriet interlokutorju tal-24 ta` Marzu 1992, liema appell gie deciz fit-22 ta` Ottubru 1992, u appell ta` Anthony Mifsud minn digriet tal-22 ta` Ottubru 1993, li gie sussegwentement rtirat.

Ix-xhud ikkonfermat illi kienu nominati periti psikjatri. B`digriet tat-22 ta` Awissu 2003, kien nominat Dr. Joseph Cassar ; waqt li fit-22 ta` Lulju 2004, kienu nominati tliet periti psikjatri addizzjonali : Dr. Peter Muscat, Dr Anton Grech u Dr. David Cassar.

Ix-xhud kienet domandata kemm kienu gew pprezenati atti mill-intimati, u hija wiegbet li kienu gew pprezentati madwar erbghin (40) att.

**<u>Joseph Sacco</u>** - Direttur - Qrati Kriminali – xehed illi r-rikorrent kien prezentat taht arrest fil-15 ta` Gunju 1982. Il-kumpilazzjoni bdiet fit-12 ta` Lulju 1982. Fit-13 ta` Lulju 1982, il-prosekuzzjoni ddikjarat li ma kellhiex aktar provi xi tressaq u l-atti kienu rinvijati lill-Avukat Generali. L-atti gew lura l-Qorti fil-31 ta` Awissu 1982. Il-Qorti appuntat is-smigh tal-kawza ghall-21 ta` Settembru 1982. L-atti rega` gew rinvijati ; u marru lura fid-9 ta` Novembru 1982. Kien hemm seduta ohra fit-3 ta` Dicembru 1982. Fil-15 ta` Dicembru 1982, l-Avukat Generali ddikjara li kien hemm bizzejjed provi biex ir-rikorrent jitqieghed taht att ta` akkuza. L-Avukat Generali baghat l-atti lill-Ewwel Qorti sabiex minn Qorti Istruttorja ssir Qorti ta` Gudikatura Kriminali. Il-kawza kienet appuntata ghall-11 ta` Jannar 1983. Dakinhar ma sar xejn u l-kawza kienet differita ghat-12 ta` Jannar 1983. F`dik l-udjenza, id-difensur tar-rikorrenti, li kien l-Av. Tonio Azzopardi, talab zmien xahar biex jistudja l-posizzjoni tieghu. Il-Qorti ma laqghetx it-talba. Mistoqsi fejn ried li jkun gudikat, ir-rikorrent ma wegibx. Ghalhekk l-atti ntbaghtu lill-Avukat Generali sabiex johrog l-att ta` akkuza. L-att ta` akkuza hareg fit-28 ta` Frar 1983, kien notifikat lir-rikorrent, u saru l-eccezzjonijiet fit-2 ta` Mejju 1983. Ir-risposta tal-Avukat Generali dahlet fil-11 ta` Mejju 1983. Wara li kienu decizi l-eccezzjonijiet preliminari sar appell. Wara li kien deciz l-appell, kien gie appuntat l-guri li kien deciz fl-1985. Diversi kienu t-talbiet tar-rikorrent ghall-helsien mill-arrest.

Ix-xhud kien mistoqsi ghal liema ragunijiet kienet oppost t-talba ghall-helsien mill-arrest tar-rikorrent. Huwa wiegeb illi l-ewwel opposizzjoni kienet minhabba n-natura tal-kaz u ghaliex l-provi tal-prosekuzzjoni ma kienux ghadhom instemghu kollha. Il-fatt illi saret evazjoni mill-habs ta` zewg persuni akkuzati b`omicidju volontarju holoq alarm konsiderevoli fil-pubbliku. Opposizzjoni ohra kienet fis-27 ta` Lulju 1982 ghaliex ir-rikorrent ma kienx jaghti affidament illi jekk jinghata l-liberta` provvizorja ma kienx sejjer jahrab mill-pajjiz. It-tielet darba kien fis-16 ta` Awissu 1983 ; l-Avukat Generali kien indika x`kellhom ikunu l-kondizzjonijiet ghall-helsien mill-arrest. Il-Qorti cahdet it-talba tar-rikorrent. Mistoqsi kemm dam ir-rikorrent taht arrest preventiv, ix-xhud wiegeb illi dam mill-11 ta` Gunju 1982 sad-19 ta` Gunju 1985.

Ix-xhud stqarr illi waqt il-kumpilazzjoni kien hemm tlett rinviji. Dwar il-guri, xehed illi l-guri fl-4 ta` Gunju 1985 u ntemm fid-19 ta` Gunju 1985 ; waqt il-guri stess kien hemm appell ; dan kien deciz fis-6 ta` Gunju 1985. Bejn Gunju 1982 u Gunju 1985, saru 155 guri.

## III. Sottomissjonijiet bil-miktub

### 1) Ir-rikorrent

**Fil-qosor**, ir-rikorrent irrileva illi l-kumpens li thallas b`effett tas-sentenza tal-Qorti Kostituzzjoni Nru 176/87 kien jigbru xorta li kieku baqa` jahdem u li kieku baqa` ghaddej bil-hajja normali tieghu. Billi tilef il-paga, kien qisu ma rcieva l-ebda kumpens ghall-ksur tal-jeddijiet fondamentali li l-Qorti accertat illi kienu vvjolati.

Bil-fatt illi nzamm taht kustodja preventiva mill-15 ta` Gunju 1982 u sad-19 ta` Gunju 1985, kien ivvjolat il-jedd tieghu ghal-liberta` personali. Il-proceduri kostituzzjonali nru.176/87 kienu jittrattaw biss l-arrest illegali ta` bejn il-11 ta` Gunju u l-15 ta` Gunju 1982. Dawk il-proceduri ma kienux jirrigwardaw il-ksur tal-Art 6 tal-Konvenzjoni. Meta huwa nzamm taht arrest preventiv, la kien hemm proceduri avversjali u lanqas ma kien osservat il-principju tal-*equality of arms*. Meta kien jitlob il-helsien mill-arrest, kull darba fir-risposta tieghu l-Avukat Generali kien ighid illi m`ghandux xi jzid mar-risposta tieghu ta` qabel, u dan kien ikun bizzejjed ghall-Qorti li tichad t-talba tieghu ghall-helsien mill-arrest. Ir-rikorsi ma kienux jigu appuntati ghas-smiegh u kienu jigu decizi kameralment. Ir-rikorrent jirreferi ghad-decizjoni tal-ECHR tal-2004 fil-kawza "**Frommelt vs Lichtenstein**".

Ir-rikorrent jikkontendi li kien ivvjolat fil-konfront tieghu l-principju tal-l-presunzjoni tal-innocenza, tutelat bl-Art 39 tal-Kostituzzjoni. Jghid illi bl-attitudni taghhom, il-Qrati kienu qed juru li kienu qeghdin iqisuh hati tar-reati addebitati lilu, u kienu lesti li jissagrifikaw il-liberta` tieghu.

Ir-rikorrent isostni illi kien hemm dewmien eccessiv fil-procediment kostituzzjonali. Ighid illi huwa principju stabbilit illi l-azzjoni ghall-harsien tad-drittijiet fondamentali ghandha titmexxa bi speditezza. Meta d-dewmien eccessiv jigri fi proceduri kostituzzjonali, mhux biss ikun hemm vjolazzjoni tal-Art 6(1) tal-Konvenzjoni, izda tkun vjolazzjoni serja u gravi hafna. Fil-kaz tieghu, it-tul eccessiv sehh kwazi esklussivament fil-proceduri ta` l-Ewwel Istanza, fejn il-kawza ghaddiet minn idejn gudikanti differenti, li rnexxielhom idewmu l-kawza

mill-1987 sal-2008. Jirreferi ghal sentenza li tat il-Qorti Suprema tal-Indja fil-kawza "**Bandhua Mukti Morcha vs Union of India & Others**" deciza fis-16 ta` Dicembru 1983 fejn inghad :-

*"But if we want the fundamental rights to become a living reality and the Supreme Court to become a real sentinel on the qui vive, we must free ourselves from the shackles of outdated and outmoded assumptions and bring to bear on the subject fresh outlook and original unconventional thinking."*

Isostni r-rikorrent illi t-tmexxija ta` kawza hija ghal kollox f'idejn il-Qorti. Ghalhekk mhijiex skuzanti li l-intimati holqu tfixkil intenzjonat. Il-Qorti kien messha razznet lill-intimati. Jirreferi ghal sentenzi tal-ECHR bhal "**Bellizzi vs Malta**" tal-21 ta` Gunju 2011 u ohrajn. Fil-kaz tal-lum, ir-rikorrent isostni illi d-dewmien kien aktar tort tal-gudikanti u l-mod kif mexxew l-kawza milli tort tas-sistema *per se*. Dak li kien nieqes kien li l-gudikanti jsegwu d-dettami tal-ligi procedurali u ma jippermettux lill-intimati milli jaghmlu li jridu bil-hsieb li jostakolaw u jiddilungaw l-proceduri kostituzzjonali.

Fil-fehma tar-rikorrent huwa kien l-aktar persuna abbuzata u maltrattata fl-istorja ricenti ta' Malta.

## 2) L-Avukat Generali

**Fil-qosor**, l-Avukat Generali jaghmel dawn l-osservazzjonijiet.

Dwar l-eccezzjoni tal-inammissibilita` minhabba *res judicata*, l-Avukat Generali jghid illi r-rikorrent kien qieghed jerga` jikkampa fatti u pretensjonijiet li kienu decizi fil-kawza kostituzzjonali 176/1987. F`dik il-kawza, il-Qorti diga` tat decizjoni dwar il-kwistjoni tal-arrest u d-detenzjoni tar-rikorrent u l-proceduri konnessi. Dwar l-principju ta` *res judicata* saret riferenza ghas-sentenzi : Qorti tal-Appell (Kummercjali) : "**Francesco Aquilina vs Neg. Giuseppe Gasan et** : 5 ta` Novembru 1934 ; Qorti tal-Appell : "**Adrian Busietta noe vs Mario Attard noe**" : 9 ta` Frar 2001 ; Qorti tal-Appell : "**Joseph Camilleri vs Lilian Mallia**" : 5 ta` Ottubru 1998 ; Qorti tal-Appell : "**Carmelo Bonello vs Onor Edgar Cuschieri noe**" : 6 ta` Marzu 1950 ; Qorti tal-Appell : "**Joseph Vella vs Emanuel Falzon**" : 25 ta` Frar 1997 ; Qorti tal-Appell : "**Nobbli Pasquale Waldemar dei baroni Sciberras Trigona vs Oscar Sammut**" : 25 ta` April 1938 ; u Qorti tal-Appell : "**Eugenio Borg noe vs Saverio Farrugia**" : 31 ta` Mejju 1952.

Fuq l-iskorta ta` din il-gurisprudenza jirrizulta illi l-gudikat ikopri mhux biss il-kwistjoni ta` fatt u ta` dritt izda wkoll il-kwistjoni li ma tkunx giet dedotta fil-gudizzju, jekk din tikkostitwixxi l-presuppost logiku u essenzjali tad-decizjoni

nnifisha. Ikun hemm lok ghall-eccezzjoni anki meta l-mertu tal-kawza, ghalkemm distint, jifforma parti mill-istess haga, jekk il-punt kontrovers ikun l-istess. Fil-kaz tal-lum, ir-rikorrent diga` ntavola tlett proceduri naxxenti mill-istess incident :– i) citaz nru 66/86 fl-ismijiet "**<u>Anthony Mifsud vs Kummissarju tal-Pulizija et</u>**" deciza fis-16 ta` Ottubru 1998 ; ii) rikors nru 176/87 fl-ismijiet "**<u>Anthony Mifusd vs Supretendent Carmelo Bonello et</u>**" deciza fit-18 ta` Settembru 2009 ; u iii) citaz nru 405/87 fl-ismijiet "**<u>Anthony Mifsud vs Supretendent Carmelo Bonello et</u>**" deciza fil-5 ta` April 2011.

Il-fatti kollha dedotti fir-rikors diga` ngabu u kienu ezaminati mill-Qorti ; u kien likwidat kumpens favur r-rikorrent. Fis-sentenza taghha, il-Qorti Kostituzzjonali osservat li l-kumpens kien qed jinghata "*tenut kont ta` dak kollu li ghadda minnu Anthony Mifsud kemm fil-granet li kien mizmum arrestat fid-Depot, waqt l-interrogatorji, ghaz-zmien li dam il-habs cioe tlett snin biex wara gie liberat minn kull akkuza u tenut ukoll kont ta` dak li ghadda minnu l-istess rikorrenti kawza tal-istess esperjenza.*" Minn esami komparattiv taz-zewg kawzi kostituzzjonali jirrizulta illi z-zewg proceduri saru : a) bejn l-istess partijiet ; b) dwar l-istess oggett u cioe l-arrest u l-proceduri kriminali ; u c) bl-istess talbiet, jigifieri talba ghal dikjarazzjoni ta` vjolazzjoni naxxenti minn arrest jew detenzjoni arbitrarja.

L-Avukat Generali jikkontendi wkoll illi l-azzjoni hija frivola u vessatorja fis-sens illi r-rikorrent kien qed jittenta li mill-gdid igib `il quddiem kontroversja li kienet diga` deciza. L-intimat jirreferi ghas-sentenza tal-31 ta` Mejju 2010 moghtija mill-Qorti Kostituzzjonali fil-kawza "**<u>Nazzareno Muscat vs Avukat Generali</u>**" u dik tal-25 ta` Mejju 2008 moghtija mill-Qorti Kostituzzjonali fil-kawza "**<u>Alpine Travel Limited vs Helen Schembri</u>**". Inoltre t-talbiet tar-rikorrent illum huma bbazati fuq grajjiet li sehhew qabel kienet intavolata l-ewwel kawza kostituzzjonali ; ghalhekk ir-rikorrent kien messu gab `il quddiem il-lanjanzi tieghu f`dik l-ewwel kawza.

L-intimat isostni wkoll illi r-rikorrent m`ghandux interess guridiku illi jipproponi din il-kawza. Jaghmel riferenza ghall-principji li hargu mis-sentenza li tat il-Qorti tal-Appell fit-28 ta` Novembru 2003 fil-kawza "**<u>Agatha sive Agathina Formosa Gauci vs Av. Dr. Francis Lanfranco</u>**". Skond dawn il-principji, mhuwiex ammissibbli illi wara li Qorti tkun tat kumpens, terga` tisma` kawza ohra dwar l-istess fatti sabiex tiddetermina jekk dawk il-fatti jammontaw ghal vjolazzjoni ta` artikoli ohra tal-Kostituzzjoni jew tal-Konvenzjoni.

Dwar l-allegazzjoni tar-rikorrent li safa` arrestat illegalment, l-intimat jirrileva li r-rikorrent kellu ghad-disposizzjoni r-rimedju tal-*habeas corpus* skond l-Art 137 tal-Kap 9 u naqas li jipprevalixxi ruhu minn dak ir-rimedju. Kien rimedju accessibbli, adegwat u effettiv li kien ghad-disposizzjoni tar-rikorrent fiz-zmien meta graw l-fatti. L-intimat jirreferi ghas-sentenza "**<u>Nardu Balzan</u>**

**Imqareb vs Registratur tal-Qrati tal-Gustizzja**" deciza minn din il-Qorti fit-18 ta' Mejju 2006, ghas-sentenza "**John Mary Abela et vs Policy Manager tal-Malta Shipyards fi hdan il-Ministru ghall-Infrastruttura**" deciza mill-Qorti Kostituzzjonali fil-11 ta` April 2011, u i-kawza "**Cyprus vs Turkey**" deciza mill-ECHR.

Dwar l-allegat nuqqas ta` smigh xieraq, mhwiex kontestat illi kemm l-Art 6 tal-Konvenzjoni u l-Art 39 tal-Kosituzzjoni jesigu li d-decizjonijiet dwar kwistjonijiet ta` natura civili jigu decizi fi zmien ragjonevoli. Fejn jirrigwarda r-rikorrent, ghalkemm tnejn u ghoxrin (22) sena jistghu jaghtu l-impressjoni ta` tul ta` zmien biex tkun deciza kawza, hija gurisprudenza kostanti li l-irragjonevolezza taz-zmien m`ghandhiex tkun determinata fl-astratt jew fuq in-numru ta` snin li tkun damet ghaddejja l-kawza, izda ghandhom jitqisu c-cirkostanzi kollha tal-kaz. L-intimat jirreferi ghas-sentenza tal-ECHR : "**Ciricosta and Others vs Italy**" deciza fil-4 ta` Dicembru 1995 ; u ghas-sentenzi tal-Qorti Kostituzzjonali : "**Frances Said vs Avukat Generali**" deciza fit-12 ta` Frar 2010 ; "**Nazzareno sive Reno Zarb vs Avukat Generali**" deciza fil-31 ta` Ottubru 2003 ; "**Sydney Ellul Sullivan vs Il-Kummissarju tal-Pulizija et**" deciza mill-Qorti Kostituzzjonali fit-28 ta` Jannar 2013 ; u "**John A Said pro et noe vs Avukat Generali**" deciza fil-11 ta` Novembru 2011.

Sabiex ikun stabbilit jekk kienx hemm dewmien irragjonevoli nkella le, kellhom jitqiesu dawn il-fatturi : i) in-natura u/jew komplessita tal-kaz in kwistjoni ; ii) l-imgieba professjonali tal-partijiet fil-kawza ; u iii) il-mod kif dawk il-proceduri gew trattati u kondotti mill-awtorita` gudizzjarja.

Dwar l-ewwel fattur, l-intimat jirrileva illi l-kawza kkomplikat ruhha minhabba l-mod kif ir-rikorrent mexxa l-kawza. Il-process kien fih aktar minn elf u mitejn (1200) pagna u kien inondant minn xiehda voluminuza. Ir-rikorrent intavola kawza kostituzzjonali kontra diversi intimati, u matul il-proceduri talab il-kjamata fil-kawza ta` ohrajn. Il-kwistjoni mbaghad hadet xejra aktar teknika u medika meta l-istess rikorrent talab li n-nomina ta` tabib psikjatra sabiex jaghmel evalwazzjoni tal-kondizzjoni tieghu, segwita minn nomina ghall-hatra ta` periti medici addizzjonali. Dawn l-persuni kollha gew eskussi. Minbarra dan, ir-rikorrent talab li jixhed persuna li kien jirrisjedi l-Etjopja ; fil-fatt il-persuna xehed meta kien Malta quddiem Imhallef Supplenti.

Dwar il-fatturi l-ohra, l-intimat jirreferi ghas-sentenzi tal-ECHR : "**Buchholz vs Germany**" deciza fis-6 ta` Mejju 1981 u "**Eckle vs Germany**" deciza fit-18 ta` Mejju 1993.

L-Avukat Generali jsostni li kien hemm diversi nuqqasijiet attriwibbli lir-rikorrent. Kien hemm drabi fejn ir-rikorrent talab differiment, jew ma deherx hu jew l-avukat tieghu. Jindika diversi istanzi fejn dan gara biex isostni l-

argument tieghu.

Dwar l-allegat nuqqas ta' smigh xieraq fil-proceduri kriminali, l-intimat jirrileva li l-proceduri kriminali mxew celerment kif tikkonferma d-deposizzjoni ta` Joseph Sacco.

Ir-rikorrent jilmenta wkoll dwar allegata lezjoni tad-dritt ghal-liberta personali tieghu fiz-zmien ta` bejn il-15 ta` Gunju 1982 u d-19 ta` Gunju 1985. Skond l-intimat jirrizulta li d-detenzjoni tar-rikorrent kienet wahda legittima u tinkwadra ruhha taht wahda mill-eccezzjonijiet tal-Artikolu 34(1), in partikolari l-paragrafu (f) fejn persuna tista` tigi pprivata mil-liberta personali meta jkun hemm "*suspett ragjonevoli li huwa jkun ikkommetta, jew ikun sejjer jikkommetti reat kriminali.*" Jirreferi ghad-decizjoni tal-ECHR : "**<u>Scott vs Spain</u>**" tat-18 ta` Dicembru 1996.

Skond l-intimat, il-fatt li r-rikorrent baqa` taht arrest preventiv ma kienx fatt leziv tad-drittijiet fundamentali tieghu. Mill-provi rrizulta li dak gara kemm minhabba n-natura tal-kaz, kemm minhabba l-provi tal-prosekuzzjoni u kif ukoll minhabba l-fatt li fl-istess zmien kien hemm evazjoni mill-habs ta' zewg persuni akkuzati b'omicidju volontarju li holoq allarm konsiderevoli fost il-pubbliku.

L-Avukat Generali jikkontendi li l-allegata lezjoni tal-presunzjoni tal-innocenza sar mir-rikorrent billi dam taht arrest preventiv ghal perijodu ta' tlett snin u minhabba stqarrija li kienet dikjarata mhux ammissibbli mill-Qorti tal-Appell Kriminali. Kemm l-Art 39(5) tal-Kostituzzjoni kif ukoll l-Artikolu 6(2) tal-Konvenzjoni jipprovdu li kull min ikun akkuzat b'reat kriminali ghandu jigi meqjus innocenti sakemm jew ma tkunx ippruvata l-htija tieghu jew sakemm ma jkunx wiegeb li huwa hati.  Fil-kaz tar-rikorrent ma kien hemm l-ebda vjolazzjoni, ghaliex ma hemm l-ebda dritt ghal-liberta` provvizorja, meta jkun hemm ragunijiet sufficjenti li jiggustifikaw d-detenzjoni u l-perikolu tal-intralc ta' l-provi.  Il-fatt li r-rikorrent dam ghal tlett (3) snin taht arrest preventiv ma jfissirx li kien hemm lezjoni tad-dritt tieghu ghal-presunzjoni tal-innocenza.

## IV. <u>Sottomissjonijiet bil-fomm</u>

### 1) <u>Ir-rikorrent</u>

Dwar l-eccezzjoni tar-*res judicata*, ir-rikorrent ighid illi l-ewwel kawza saret kontra l-Kummissarju tal-Pulizija mentri f`din tal-lum il-Kummissarju tal-Pulizija mhuwiex intimat.  Waqt illi din il-kawza tirrigwarda dwar dewmien gudizzjarju, l-ewwel kawza kienet dwar trattament inuman u degrdanti. Sal-lum, ighid ir-rikorrent, ma kienx hemm decizjoni dwar dewmien gudizzjarju. Fil-

kawza tal-lum, huwa qieghed jilmenta wkoll l-Avukat Generali kiser il-jedd tieghu tal-presunzjoni tal-innocenza fil-process penali. Ighid illi dak iz-zmien ir-rikorrent kien diga` qed jipprocedi kontra l-Kummissarju tal-Pulizija ; kienet tkun ghalih battalja akbar li kieku fl-ewwel kawza dahhal ukoll il-presunzjoni tal-innocenza kontra l-Avukat Generali.

Dwar l-interess guridiku, ir-rikorrent isostni li kellu l-interess li trid il-ligi biex imexxi bil-kawza tal-lum.

Dwar ir-rimedju tal-*habeas corpus*, ir-rikorrenti jikkontendi illi fiz-zmien li graw il-fatti, u cioe` l-ewwel snin tmenin, ir-rimedju ma kien effettiv xejn.

Dwar l-allegat nuqqas ta` smigh xieraq fil-proceduri kostituzzjonali, ir-rikorrent isostni illi bil-fatt li l-proceduri damu ghaddejjin tnejn u ghoxrin (22) sena jfisser li kien hemm vjolazzjoni.

Dwar il-hatra tal-esperti medici, ir-rikorrent ighid illi huwa kien kostrett jaghmel it-talba ghaliex ir-rapport tat-tabib psikjatra *ex parte* Dr John Mifsud kien kontestat.

Dwar il-presunzjoni tal-innocenza, ir-rikorrent jirribadixxi illi bil-mod kif it-talba tieghu ghall-helsien mill-arrest kienet michuda ripetutament, kien indikattiv li l-presunzjoni tal-innocenza tieghu kienet qeghda tigi skartata.

**2) <u>L-intimat</u>**

L-intimat sostna l-fondatezza tal-eccezzjoni tal-*res judicata*, ghaliex il-fatti li taw lok ghall-pretensjonijiet tar-rikorrent fil-kawza tal-lum kienu l-istess fatti li kienu trattati fil-kawza ta` qabel li ghaddiet in gudikat. Issir riferenza ghas-sentenzi ta` din il-Qorti fil-kawzi : "**<u>Matthew Lanzon vs Kummissarju tal-Pulizija</u>**" deciza fil-11 ta` Novembru 2011 ; u "**<u>Anthony Aquilina vs Avukat Generali</u>**" deciza fil-15 ta` Ottubru 2010. Ghalkemm l-ewwel kawza saret kontra l-Kummissarju tal-Pulizija, u din qeghda ssir kontra l-Avukat Generali, l-intimat huwa dejjem l-istess persuna u cioe` il-Gvern.

Dwar r-rimedju ordinarju tal-*habeas corpus*, l-intimat ighid illi r-rikorrent ma gabx il-prova li fiz-zmien li graw il-fatti, ir-rimedju ma kienx effettiv.

**V. <u>L-ewwel eccezzjoni</u>**

**Fl-analizi taghha, il-Qorti sejra ssegwi l-impostazzjoni li ghamel l-intimat fir-risposta tieghu.**

## 1) <u>Inammissibilita` tal-azzjoni : minhabba *res judicata*</u>

B`din l-eccezzjoni dettaljata u artikolata tieghu, l-intimat qieghed isostni li l-azzjoni tar-rikorrent hija inammissibbli ghaliex – skond l-intimat – bl-azzjoni tieghu tal-lum qieghed iressaq talbiet dwar fatti li kienu diga` decizi f`kawzi precedenti fejn kien involut ir-rikorrent u l-Gvern, fost persuni ohra. Ghalhekk - jikkontendi l-intimat – hemm kwistjoni ta` *res judicata.* Inoltre, skond l-intimat, l-azzjoni hija frivola u vessatorja.

Jirrizulta li qabel illum, ir-rikorrent ipprezenta tliet procedimenti ohra :-

1) Il-kawza Citaz. Nru. 66/1986 fl-ismijiet "**<u>Anthony Mifsud vs Kummissarju tal-Pulizija et</u>"** li kienet deciza minn din il-Qorti bhala Qorti ta` Gurisdizzjoni Ordinarja fis-16 ta` Ottubru 1998. Fil-kawza, ir-rikorrent talab il-hlas tas-salarju u bonus mill-11 ta` Gunju 1982 `il quddiem ;

2) Il-kawza Rikors Nru. 176/87 fl-ismijiet "**<u>Anthony Mifsud vs Supretendent Carmelo Bonello et</u>**" deciza mill-Qorti Kostituzzjonali fit-18 ta` Settembru 2009. Hemm ir-rikorrent talab lill-Qorti tiddikjara li kienu gew vjolati d-drittijiet fondamentali tieghu hekk kif tutelati bl-Art 36 (trattament inuman u degradanti) u bl-Art 39 (arrest u/jew detenzjoni arbitrarja) tal-Kostituzzjoni ;

3) Il-kawza Citaz. Nru. 405/87 fl-ismijiet "**<u>Anthony Mifsud vs Supretendent Carmelo Bonello et</u>**" deciza mill-Qorti tal-Appell fil-5 ta` April 2011. Hemm ir-rikorrent talab il-hlas ta` danni minhabba telf ta` paga u "*loss of earning capacity*".

Fil-kawza tal-lum, ir-rikorrent qieghed isostni li ghax kienu vjolati l-jeddijiet fondamentali tieghu hekk kif tutelati bl-Art 39 u bl-Art 34 tal-Kostituzzjoni u bl-Art 6 tal-Konvenzjoni, ressaq l-ewwel, it-tieni, it-tielet u l-hames talbiet fejn talab dikjarazzjoni ta` vjolazzjoni mill-qorti, segwiti mir-raba` u mis-sitt talbiet konsistenti minn talbiet ghall-hlas ta` kumpens.

Fis-sentenza li tat fil-15 ta` Ottubru 2010 fil-kawza "**<u>Anthony Aquilina vs Ir-Repubblika ta` Malta et</u>**" din il-Qorti (bhala Qorti ta` Gurisdizzjoni Kostituzzjonali) qalet hekk b`riferenza ghall-eccezzjoni tar-*res judicata* :-

*" … huwa risaput li r-res judicata tkun ta` ostakolu ghal smiegh ta` kawza*

*gdida meta jikkonkorru tlett elementi : eadem personae, eadem res u eadem causa petendi. Kif osservat il-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) fil-kaz "Care Services Ltd vs Muscat", deciza fit-13 ta` Novembru, 2009 :*

*"Kif ghallmet il-Qorti tal-Appell, sede Kummercjali, fil-kaz "**Francesca Aquilina -vs- Neg. Giuseppe Gasan et**", 5 ta` Novembru, 1934, "l-elementi ta` eccezzjoni tal-gudikat huma li s-sentenza ta` qabel kienet moghtija f`kawza bejn l-istess persuni u fuq l-istess oggett u ghall-istess kawzali (eadem personae, eadem res, eadem causa petendi) bhal fil-kawza l-gdida, u li l-exceptio judicati ghandha bhala fondament taghha l-interess pubbliku, u hija ta` interpretazzjoni strettissima, u f`kaz ta` dubju, il-gudikant ghandu jaqta` kontra dik l-eccezzjoni". Ara "**Carmelo Said et -vs- Nutar Dr. Giuseppe Cauchi**", Appell Civili, 20 ta` Ottubru, 1958. Ta` rilevanza li jigi notat illi dawn it-tliet elementi jridu jikkoezistu flimkien ghaliex, jekk tonqos wahda minnhom, il-gudikat ma jistax jissussisti".*

*Fil-kawza "**<u>Sammut vs Spiteri</u>**", deciza mill-Qorti tal-Appell fl-10 ta` Ottubru, 2003, saret riferenza mill-ewwel Qorti ghal bosta decizjonijiet li enuncjaw principji li gew accettati mill-Qorti tal-Appell. Gie osservat appuntu :*

*"Illi f`dan il-kuntest huwa opportun li jinghad illi fil- gurisprudenza tal-Qrati taghna din il-kwistjoni hija konkordi li l-gudikat jifforma ruhu mhux biss ghar-rigward ta` dak li gie diskuss espressament, imma anki ta` dak li messu gie diskuss, mill-parti li kellha tiddiskutih biex issostni d-domanda jew l-eccezzjonijiet taghha; u l-gudikat ma jigix nieqes minhabba d-diversita` tal-motivi tal-`causa pretendi`. ("**Cole Foods Limited vs Accent Clear Traders Company Limited" – FGC. 4 ta` Gunju, 1999**).*

*Illi fis-sentenza "**Carmelo Bonello vs Onor. Edgar Cuschieri nomine" (Ap. 6 ta` Marzu, 1950 – XXXIV.I.74**) li kienet sentenza dwar appell mill-Bord li Jirregola l-Kera `il giudicato si forma non solo in ordine a cio` che fu espressamente discusso, ma ancora a quanto avrebbe dovuto discutersi e non discusso dalla parte che doveva discutere la propria istanza ed eccezzione` (**Cesare Baldi, Manuele Prattico di Diritto Civile, Vol. 1, p. 818**).*

*L-istess inghad fis-sentenza `**Antonio Dagri vs Emanuele Dingli` (Ap. 27 ta` April, 1953**) u cioe` li `hu pacifiku li l-gudikat jassorbixxi kull eccezzjoni li, in meritu ghall-azzjoni, kien missha, jew setghat giet sollevata in relazzjoni ghall-azzjoni stess`. L-istess inghad fis- sentenza `**Carmelo Camilleri vs Spiru D`Amato` (Ap. 2 ta` Marzu, 1956 – XL. I. 65**) `li ma jistax ikun lecitu lill-appellant li jerga` jipproponi l-istess domanda biex jinnewtralizza l-imsemmija decizjoni precedenti, billi jgib `il quddiem ragunijiet jew provi li kien jaf bihom, u li seta` u messu jgib fil-kors tal-process l-iehor. Jekk ma ghamilx hekk `imputet sibi`; u l-imsemmija sentenza tal-15 ta` Gunju, 1955, ma tistax tigi injorata u mqeghda fil-genb ghar-ragunijiet pre-ezistenti ghall-prolazzjoni taghha, allegati serotinament. L-istess gie ritenut fis-sentenza `**Carmelo Panzavecchia vs Constantino Caruana` – 11 ta` Gunju, 1956 – XLB. 1. 555**).*

*Ta` l-istess portata hija s-sentenza `**Tarcisio Sultana vs Louis Micallef` (A.D. 4 ta` Ottubru, 1993**) fejn applikati l- principji fuq annunzjati meta wara*

*kawza ghall-hlas ta` xoghol ta` appalt fejn il-konvenut baqa` kontumaci, l-istess wara ghamel kawza li appalt gie esegwit hazin, u ghad- danni, u il-Qorti sostniet li la darba dak li qed jitlob l-attur setgha opponieh bhala konvenut fil-kawza l-ohra, allura cahdet it-talbiet attrici, ghaliex it-tqanqil tal-kawza odjerna `huwa intiz biex igib bhala effett li jannulla jew jillimita l- effett tal-istess gudikat` **(Cole Foods Ltd. vs Accent Clear Traders Company Limited)**.*

*Hekk fil-kawza **`Joseph Vella vs Emanuel Falzon`** (**Ap. 25 ta` Frar, 1997**) gie ukoll affermat illi l-exceptio rei judicatae (u litis pendentia) ghandhom bhala fundament il- fatti tal-interess pubbliku u ukoll ghax `interest rei publicae ut sit finis litium` u dan ghaliex il-mertu tal-kawza ghalkemm distint minn dak ta` qabel jifforma parti mill- istess haga, u jekk il-punt kontrovers huwa l-istess hemm lok ghall-eccezzjoni tal-gudikat, u dan ghaliex is-sentenza fuq domanda tikkontjeni implic[it]ament ir-rigettazzjoni tal- eccezzjonijiet kollha li setghu jitqajmu ghall-istess domanda (**XXXVI.I.75**)".*

Ghar-rigward tal-element tal-*eadem personae*, il-Qorti ssib illi dan l-jissussisti, kontrarjament ghal dak li jissottometti r-rikorrent. Mhuwiex rilevanti ghall-fini ta` s-sussistenza o meno ta` dan l-element illi l-kawza ta` qabel kienet istitwita kontra l-Kummissarju tal-Pulizija waqt li din saret kontra l-Avukat Generali. Tassew rilevanti huwa l-fatt bhala intimat fiz-zewg kawzi kien qieghed iwiegeb il-Gvern ta` Malta ghall-Istat Malti ; fl-ewwel kawza r-rapprezentant tal-Gvern kien il-Kummissarju tal-Pulizija, waqt illi fil-kaz tal-lum huwa l-Avukat Generali.

Dwar l-element tal-e*adem res* din il-Qorti hija tal-fehma illi l-element huwa sodisfatt ghaliex dak li wassal biex saret din il-kawza huma l-istess fatti u cirkostanzi li kienu trattati fil-kawza l-ohra.

Huwa fir-rigward tal-element tal-*eadem petendi* fejn din il-Qorti mhijiex tikkondividi l-fehma tal-intimat. Infatti fejn fl-ewwel kawza, it-talbiet issawru fuq l-Art 34 u l-Art 36 tal-Kostituzzjoni, fil-kawza tal-lum, fil-kawza tal-lum ir-rikorrent qieghed jilmenta minn ksur tal-Art 34 u tal-Art 39 tal-Kostituzzjoni u tal-Art 6 tal-Konvenzjoni. Filwaqt illi fl-ewwel kawza l-istanza kienet il-vjolazzjoni tad-dritt ghal protezzjoni minn arrest jew detenzjoni arbitrarja, u l-vjolazzjoni tad-dritt ghal protezzjoni minn trattament inuman u degradanti, fil-kawza tal-lum, l-ilmenti huma dewmien fil-procediment (u allura nuqqas ta` smigh xieraq fi zmien ragjonevoli) vjolazzjoni tad-dritt ghall-presunzjoni tal-presunzjoni tal-innocenza fi process kriminali, u vjolazzjoni tad-dritt ghal-liberta` personali fil-perijodu ta` d-data bejn meta kien mixli b`reati (15 ta` Gunju 1982) u d-data meta kien liberat fil-guri (19 ta` Gunju 1985). Issa filwaqt illi huwa fattwalment ippruvat illi l-vjolazzjoni tad-drittijiet fundamentali skond l-Art 34 tal-Kostituzzjoni kienu meqjusa u decizi fil-kawza precedenti, mhux l-istess jista` jinghad fil-kaz tal-allegat ksur tal-Art 39 tal-Kostituzzjoni u l-Art 6 tal-Konvenzjoni.

**Ghaldaqstant, u b`riferenza ghall-ewwel eccezzjoni, il-Qorti tghid illi filwaqt li hija inammissibbli t-tieni talba minhabba *res judicata*, ma jistax jinghad l-istess dwar it-talbiet l-ohra.**

**2) <u>Inammissiblita` tal-azzjoni :</u>**
**<u>ghax frivola u vessatorja</u>**

L-argument tal-intimat huwa li bil-kawza tal-lum ir-rikorrent irripropona dak li kien diga` ressaq fl-ewwel kawza kostituzzjonali.

Din il-Qorti mhix tikkondividi l-fehma tal-intimat ghaliex ghalkemm il-vicenda kienet l-istess wahda, il-vjolazzjonijiet tal-jeddijiet fondamentali lamentati huma differenti.

Hija l-fehma tal-Qorti illi l-ilmenti li qieghed igib `il quddiem ir-rikorrent ma jistghux jigu skartati *ab initio* izda jimmeritaw konsiderazzjoni.

**Fl-assjem tal-azzjoni tar-rikorrenti, din il-Qorti ma tirriskontrax l-elementi tal-frivolozita` u tal-vessatorjeta` li jaghmlu l-istanza inammissibbli.**

**3) <u>Inammissibilita` tal-azzjoni :</u>**
**<u>minhabba nuqqas ta` interess guridiku</u>**

L-intimat qieghed jeccepixxi illi ladarba vjolazzjoni ta` drittijiet fondamentali tkun giet rimedjata mhuwiex possibli illi ssir talba mill-gdid ghal rimedju.

Fis-sentenza li tat fis-7 ta` Awissu 2013 fil-kawza "**<u>Conrad Axisa vs Avukat Generali et</u>**" il-Qorti Kostitutuzzjonali qalet hekk :-

*"… Kif ġia` ġie determinat minn din il-Qorti diversament preseduta fi kawżi li fihom jiġi allegat xi ksur ta` dritt fundamentali taħt il-Kostituzzjoni r-rikorrent jeħtieġlu juri li għandu "interess personali b`appoġġ għall-azzjoni tagħha". Dan mhux biss hu dettat mill-prinċipji ġenerali tad-Dritt iżda tesiġih il-Kostituzzjoni stess a contrariu sensu ta` dak previst fl-Artikolu 116 tagħha fejn l-eżenzjoni mill-ħtieġa li persuna turi interess personali b`appoġġ għall-azzjoni tagħha hi espressament ristretta għal azzjonijiet għal dikjarazzjoni li liġi tkun invalida għal raġunijiet mhux ta` inkonsistenza mal-Artikoli 33 sa 45 tal-*

*Kostituzzjoni u l-azzjonijiet tal-aħħar tip huma espressament eċċettwati minn din l-eżenzjoni. Dan hu wkoll konformi mal-Artikolu 46(1) tal-Kostituzzjoni li jirregola t-twettiq tad-disposizzjonijiet protettivi tad-drittijiet u libertajiet fundamentali tal-individwu taħt il-Kostituzzjoni u jipprovdi li rimedju taħt l-istess Artikolu jista` jintalab meta persuna tallega li xi waħda mid-disposizzjonijiet tal-Artikoli 33 sa 45 tal-Kostituzzjoni "tkun ġiet, tkun qed tiġi jew tkun x`aktarx ser tiġi miksura dwarha" (sottolinear tal- Qorti).*

*24. In kwantu għal allegazzjonijiet ta` ksur tad-drittijiet fundamentali tal-individwu sanċiti mill-Konvenzjoni taħt il-Kap. 319 tal-Liġijiet ta` Malta is-sitwazzjoni hi legalment indentika mhux biss skont il-prinċipji ġenerali tad-Dritt li huma applikabbli għal kull azzjoni taħt xi liġi ordinarja bħal ma huwa l-Kap. 319 iżda wkoll in vista ta` dak previst fl- Artikolu 4(1) tal-istess Kap. li wkoll jipprovdi fil-parti relevanti tiegħu li rimedju taħt l-istess Artikolu jista` jintalab meta persuna tallega xi wieħed mid-Drittijiet tal-Bniedem u Libertajiet Fundamentali "jkun ġie, ikun qed jiġi jew ikun x`aktarx ser jiġi miksur dwarha".*

**Fil-kaz tal-lum m`ghandux ikun hemm dubju li r-rikorrent ghandu l-interess li trid il-ligi sabiex jittenta l-azzjoni odjerna ; l-elementi kollha li jaghmlu guridiku l-interess jissussistu kollha. Ghalhekk is-sottomissjoni li ghamel l-intimat illi r-rikorrent m`ghandux interess guridiku ghaliex din il-Qorti ma tistax tintalab taghti rimedju ghal sitwazzjoni li diga` pprovdiet dwarha qorti ohra hija insostenibbli tenut kont tal-fattispeci partikolari tal-kaz tal-lum, kif diga` accennat din il-Qorti aktar kmieni.**

## VI. <u>It-tieni eccezzjoni :</u><br>Rimedji ordinarji

**Fl-analizi ta` din l-eccezzjoni, il-Qorti mhijiex sejra ssegwi l-impostazzjoni li ghamel l-intimat fir-risposta tieghu. F`dan l-istadju sejra tillimita ruhha ghall-kwistjoni tal-allegat non-ezawriment tar-rimedji ordinarji waqt illi sejra tittratta l-kwistjoni tat-tul tal-proceduri kostituzzjonali, meta tkun qeghda tqis it-talbiet, u l-eccezzjonijiet fil-mertu ghal dawk it-talbiet.**

L-intimat qieghed isostni illi fiz-zmien meta graw il-fatti, ir-rikorrent kellu ghad-disposizzjoni tieghu r-rimedju tal-*habeas corpus* skond l-Art 137 tal-Kap 9 izda r-rikorrent ghazel li ma jirrikorrix ghal dak ir-rimedju.

Il-Qorti Kostituzzjonali kellha okkazjoni tesprimi ruhha diversi drabi dwar il-kwistjoni tal-ezawriment tar-rimedji ordinarji. Inghad illi s-setgha tal-qorti li tiddeklina milli tezercita d-diskrezzjoni taghha fuq il-pretest li seta` kien hemm rimedji ordinarji " … *ghandha dejjem tigi ezercitata bi prudenza, b` mod li*

*fejn ikun jidher li hemm jew jista` jkun hemm kaz serju ta` vjolazzjoni ta` drittijiet fondamentali, l-individwu ma jigix privat mir-rimedju kostituzzjonali [jew taht il-Kap.319] meta jkun jidher li r-rimedji ohra li hemm jew li kien hemm ma jkunux adegwati fic-cirkostanzi tal-kaz."* ["**David Axiak vs Awtorita` Tat-Trasport Pubbliku**" deciza fl-14 ta` Mejju 2004]. Ir-rimedju ordinarju jrid ikun tali li wiehed jista` ragjonevolment – tenut kont tac-cirkostanzi tal-kaz – janticipa li jista` jkun hemm ezitu favorevoli ("**Salvatore Abdilla vs Onor. Seg. Parl. Ambjent**" deciza fit-30 ta` Mejju 2003).

Fil-kaz tal-lum ir-rikorrent mhuwiex qieghed jilmenta minn ksur ta` ligi kriminali jew civili izda qieghed jinsisti li dak li gara fiz-zmien in kwistjoni jikkostitwixxu ksur tad-drittijiet fondamentali tieghu. Kontra dak sottomess mill-intimat, ghandu jitqies il-fatt illi fil-kawza precedenti kien irrizulta illi kienu vjolati l-jeddijiet fondamentali tar-rikorrenti hekk kif tutelati bl-Art 34 u 36 tal-Kostituzzjoni. Ghal din il-Qorti, dan ifisser illi r-rimedju li kienet tipprevedi l-ligi ordinarja ma kienx xieraq, effettiv u adegwat. Ghandu jigi rilevat ukoll illi l-intimat kien ipprezenta eccezzjoni ta` din ix-xorta fil-kawza bin-nru 176/87 u kienet respinta.eccezzjoni ta` din ix-xorta kie Ghalhekk f`dan il-kaz, ma jistax jigi kkonsiderat li r-rimedju li kienet tipprovdi l-ligi ordinarja seta qatt jigi kkonsiderat bhala rimedju xieraq u adegwat.

**L-eccezzjoni li saret fil-kawza tal-lum qeghda tkun michuda**.

## VII. Il-mertu

### 1) L-ewwel talba

Ir-rikorrent qieghed jilmenta illi bil-fatt li l-proceduri kriminali li kienu istitwiti kontra tieghu hadu mill-15 ta` Gunju 1982 sad-19 ta` Gunju 1985 sabiex jigu decizi finalment kien zmien twil wisq, u allura mhux ragonevoli, li gab vjolazzjoni tad-dritt tieghu ghal smigh xieraq hekk kif tutelat bl-Art 39 tal-Kostituzzjoni u bl-Art 6 tal-Konvenzjoni.

Fis-sentenza li tat fit-2 ta` Marzu 2015 fil-kawza "**Raymond Bonnici et vs l-Avukat Generali**", il-Qorti Kostituzzjonali ghamlet riassunt ta` l-principji li jghoddu sabiex jitqies kienx hemm dewmien fi proceduri kriminali nkella le. Il-Qorti qalet hekk :–

" … *Kemm l-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta` Malta kif ukoll l-Artikolu 6 tal- Konvenzjoni Ewropeja tad-Drittijiet tal-Bniedem jiggarantixxu lil kull persuna akkuzata b`reat kriminali smiegh xieraq fi zmien ragjonevoli.*

*22. Madankollu, la l-gurisprudenza moghtija mill-Qrati Maltin u*

*lanqas dik moghtija mill-Qorti Ewropeja ma stabbiliet termini rigidi u pre-determinati ghas-sinifikat tal-kliem "zmien ragonevoli."*

*23. Dak li gie stabbilit permezz tal-gurisprudenza msemmija huma tliet kriterji principali indikattivi tar-ragjonevolezza ta` dan it-tul taz-zmien u dawn huma :*

- *In-natura jew il-komplessita` tal-kaz ;*
- *Il-kondotta tal-partijiet fil-kawza ;*
- *Il-mod kif il-proceduri kriminali gew kondotti mill-Qorti.*

*24. Naturalment, sabiex Qorti tiddetermina jekk kienx hemm dewmien esagerat u irragjonevoli kull kaz irid jigi studjat fuq il-mertu tieghu.*

*25. Fil-fatt fis-sentenza moghtija mill-Prim`Awla tal-Qorti Civili (Sede Kostituzzjonali) fis-6 ta` Mejju 2009 fl-ismijiet <u>Francis Said v. L-Avukat Generali</u> dik il-Qorti rriteniet illi :*

*"Huwa diskrezzjonali fil-gudikant li wara li jezamina l-fatti tal-kaz jara u jevalwa jekk iz-zmien dekors kienx accettabbli f`socjeta` demokratika."*

*26. Hekk ukoll il-Qorti Ewropeja fis-sentenza taghha moghtija fit-22 ta` Settembru 1992 fl-ismijiet <u>Boddaert v. Belgium</u> irriteniet is-segwenti :*

*"36. The reasonableness of the length of proceedings is to be determined with reference to the criteria laid down in the Court`s case-law and in the light of the circumstances of the case, which in this instance call for an overall assessment."*

*27. Kif ukoll sewwa rriteniet il-Qorti Ewropeja fis-sentenza ta` <u>Boddaert</u> hawn fuq imsemmija, minkejja li huwa importanti li l-proceduri gudizzjarji ma jdumux izzejjed, b`tali mod li d-dritt ghal smiegh xieraq fi zmien ragjonevoli ma jkunx rispettat, huwa importanti wkoll li l-gustizzja tkun amministrata b`mod xierqa :*

*"Article 6 (art. 6) commands that judicial proceedings be expeditious, but it also lays down the more general principle of the proper administration of justice."*

Dan premess, il-Qorti sejra tqis il-fatti u c-cirkostanzi tal-kaz taht ezami u taghmel il-konsiderazzjonijiet taghha :-

**a) <u>In-natura jew il-komplessita` tal-kaz</u>**

Mill-atti tal-proceduri kriminali istitwiti kontra r-rikorrent, jirrizulta illi r-rikorrent kien gie akkuzat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti

Istruttorja *talli bhala impjegat pubbliku, ircieva jew accetta ghalih jew ghal haddiehor rigal jew weghda jew offerta ; li meta hu kien fdat bil-kustodja ta` Lewis Bartolo u ta` Ahmed Khalil Habib, bi traskuragini jew b`nuqqas ta` hsieb saret il-harba tal-imsemmija u dan r-reat sehh bil-konnivenza u bil-korruzzjoni tieghu ; li sar komplici ta` reat tal-harba mill-post ta` kustodja.*

Oggettivament, anke tenut kont tar-reati li bihom kien akkuzat, il-kaz tar-rikorrent kien kompless.

**b) Il-kondotta tal-partijiet fil-kawza ;**

**u**

**c) Il-mod kif kienu kondotti l-proceduri kriminali mill-Qorti**

Minn ezami tal-atti saljenti tal-proceduri kriminali, jirrizulta li :-

i) Fil-15 ta` Gunju 1982, saret il-prezentata tar-rikorrent ;

ii) Fit-12 ta` Lulju 1982, bdiet l-kumpilazzjoni ;

iii) Fit-13 ta` Lulju 1982, il-Prosekuzzjoni ddikjarat li ma kellhiex aktar provi u l-atti kienu rinvijati lill-Avukat Generali ;

iv) Fit-31 ta` Awissu 1982, l-atti waslu gew lura l-Qorti ;

v) Fil-21 ta` Settembru 1982, l-Qorti appuntat seduta u l-atti kienu rinvjati lill-Avukat Generali ;

vi) L-atti waslu lura fid-9 ta` Novembru 1982 ;

v) Saret seduta fit-3 ta` Dicembru 1982 ;

vi) Fil-15 ta` Dicembru 1982, l-Avukat Generali ddikjara li kien hemm bizzejjed provi biex ir-rikorrent jitqieghed taht att ta` akkuza u l-Avukat Generali baghat l-atti lill-Qorti tal-Magistrati (Malta) sabiex minn Qorti Istruttorja ssir Qorti ta` Gudikatura Kriminali ;

vii) Il-kawza giet appuntata ghal 11 ta` Jannar 1983. Dakinhar ma sar xejn u l-kawza kienet differita ghat-12 ta` Jannar 1983 ;

viii) Fit-12 ta` Jannar 1983, l-Av. Tonio Azzopardi talab zmien xahar biex jistudja l-posizzjoni tieghu. Il-Qorti cahdet it-talba u sar differiment tal-kawza ghall-ghada ;

ix) Fit-13 ta` Jannar 1983, meta l-Qorti staqsiet lir-rikorrent fejn ried li jkun gudikat, huwa ma wegibx, u ghalhekk l-atti ntbaghtu lura lill-Avukat

Generali sabiex johrog l-att ta` akkuza ;

x) L-att ta` akkuza hareg fit-28 ta` Frar 1983, kien notifikat lir-rikorren, saru l-eccezzjonijiet fit-2 ta` Mejju 1983, u l-Avukat Generali wiegeb fil-11 ta` Mejju 1983 ;

xi) Wara li kienu decizi l-eccezzjonijiet preliminari kien hemm appell. Trattat u deciz l-appell, kien appuntat il-guri ghall-4 ta` Gunju 1985 ;

x) Waqt il-guri sar appell li kien deciz fis-6 ta` Gunju 1985;

xi) Il-verdett tal-gurati kien ghal kollox favorevoli ghar-rikorrent. B`sentenza li nghatat fid-19 ta` Gunju 1985, ir-rikorrent kien liberat minn kull imputazzjoni u piena. Ma kienx hemm appell.liberat u r-rikorrent nstab li ma kienx hati.

**Ghal din il-Qorti, <u>dan mhuwiex</u> iter processwali karatterizzat minn dewmien mhux ragjonevoli matul il-proceduri kriminali. Daqstant ghall-fini tat-tieni element.**

**Ghar-rigward tat-tielet element, huwa evidenti mill-kronologija tal-mod kif kien kondott il-procediment illi l-Qrati mexxew il-kaz tar-rikorrent bl-ispeditezza li jippermetti d-dritt penali u minghajr hela ta` zmien.**

**Il-Qorti qeghda <u>tichad</u> l-ewwel talba.**

**2) <u>It-tieni talba</u>**

**Il-Qorti diga` <u>cahdet</u> din it-talba meta laqghet parzjalment l-ewwel eccezzjoni safejn din kienet tolqot din l-istess talba.**

**3) <u>It-tielet talba</u>**

**<u>L-Art 39(5) tal-Kostituzzjoni</u>** jaqra :–

*Kull min jiġi akkużat b`reat kriminali għandu jiġi meqjus li jkun innoċenti sakemm jiġi pruvat jew ikun wieġeb li huwa ħati :*

*Iżda ebda ħaġa li hemm fi jew magħmula skont l-awtorità ta` xi liġi ma titqies li tkun inkonsistenti ma` jew bi ksur ta` dan is-subartikolu safejn dik il-liġi timponi fuq xi persuna akkużata kif intqal qabel il-piż tal-prova ta` fatti*

*partikolari.*

Il-principju tal-presunzjoni tal-innocenza kien trattat fis-sentenza ta` din il-Qorti tat-8 ta` Lulju 2004 fil-kawza "**Andrew Ellul Sullivan et vs Il-Kummissarju tal-Pulizija et**" li kienet konfermata b`sentenza tal-Qorti Kostituzzjonali tat-18 ta` Gunju 2008.

Inghad hekk :-

*Illi għar-rigward tal-principju tal-preżunzjoni tal-innocenza tal-persuna mixlija jingħad li tali principju huwa wieħed imħares kemm mill-Kostituzzjoni tagħna u kif ukoll mill-Konvenzjoni. Mhux hekk biss, iżda ma` dawn hemm ukoll in-norma li ħadd ma għandu jinsab ħati ta` reat kriminali minħabba f`xi għamil jew minħabba f`xi omissjoni li, fil-ħin li jkunu mwettqa, ma jkunux jikkostitwixxu reat skond il-ligi. Għandu jingħad li, sa mill-ewwel żminijiet tagħha, il- Qorti Kostituzzjonali tagħna xebbhet id-dispożizzjonijiet relattivi tal-Kostituzzjoni relattivi għall-preżunzjoni tal-innocenza mad-dispożizzjonijiet tal-Konvenzjoni, u applikat l-istess principji minkejja li l-istess Konvenzjoni ma kinitx għadha tagħmel parti mill-ordinament guridiku tagħna ;*

*Illi jista` jingħad li l-garanziji minimi msemmija fl-artikoli 6 u 7 (tal-Konvenzjoni) huma l-anqas garanziji li persuna mixlija b`reat kriminali għandha x`tistenna li tingħata fil-proċediment li tkun imdaħħla fihom: ingħad b`awtorita` mill-Qorti ta` Strasburgu li l-jedd għal smigħ xieraq minn qorti indipendenti u imparzjali huwa wieħed miftuħ, mogħni bil-possibilita` li jigbor fih jeddijiet oħrajn li dak l- artikolu specifikatament ma jsemmix. Fost dawn, wieħed isib il-principju tal-preżunzjoni tal-innocenza li huwa mfisser bħala "one aspect of the right to a fair trial secured under paragraph (1) of Article 6" ;*

*Illi l-artikolu 6(2) tal-Konvenzjoni specifikatament japplika biss fil-qafas procedura fejn hemm "akkuża kriminali". Għalhekk, il-principju tal-preżunzjoni tal-innocenza ma japplikax fejn persuna tinsab miżmuma b`arrest fi stadju qabel ma toħrog formalment xilja ta` reat fil-konfront tagħha. Iżda, ladarba jibda jseħħ procediment bħal dak, il-preżunzjoni tidħol fis-seħħ u tibqa` fis-seħħ sal-istadju tal-appell kontra sejbien ta` ħtija. Madankollu, dwar l- imsemmi jedd ta` preżunzjoni tal-innocenza, jingħad ukoll li "it does not apply to either trial or appellate proceedings insofar as they concern the sentencing of a convicted person; it `deals only with the proof of guilt and not with the kind or level of punishment`. ... The Commission has on occasion considered the presumption of innocence requirement in terms of lack of judicial bias or partiality. Insofar as judicial bias is an aspect of Article 6(2), it overlaps with the `impartial tribunal` requirement of Article 6(1) and might be better treated under that provision". Minħabba f`din ir-rabta, il-Qorti sejra tqis l-aggravju tar-rikorrenti kemm taħt ir-ras tal-preżunzjoni tal-innocenza u l-parametri tagħha, u kif ukoll taħt ir-ras tal-jedd għal smigħ xieraq minn qorti imparzjali ;*

*Illi kif imfisser f`sentenzi ewlenin mogħtija mill-Qorti Ewropeja, il-*

*preżunzjoni tal-innocenza tfisser, fost l-oħrajn, li l-piż tal-prova jaqa` generalment fuq il- prosekuzzjoni. Madankollu, dan ma jfissirx li* ***f`kull każ*** *il-piż tal-prova irid ikun biss fuq il-prosekuzzjoni. L-artikolu 6(2) tal-Konvenzjoni u kif ukoll l-artikolu 39(5) tal- Kostituzzjoni tagħna jagħrfu dan, f`tal-aħħar b`mod espress permezz ta` proviso. L-artikoli msemmija ma humiex kontra li xi ligi tistipula għal preżunzjonijiet ta` fatt jew ta` dritt li jaħdmu kontra l-persuna mixlija. Iżda huwa mistenni li l-Istat jillimita tali preżunzjonijiet b`mod ragonevoli li jieħu qies tas-siwi ta` dak li l-każ jinvolvi u tal- jeddijiet tad-difiża xierqa. Fost tali preżunzjonijiet li tqiesu li ma jmorrux kontra l-imsemmija artikoli giet identifikata dik fejn direttur ta` kumpannija jitqies ħati ta` offiża mwettqa mill-kumpannija li tagħha huwa direttur ;*

*Illi għalhekk, sakemm is-sejbien ta` ħtija jkun jidher li nstilet mill-eżistenza ta` xhieda probativa fl-atti processwali, l-imsemmija preżunzjoni tal-innocenza ma titqiesx mittiefsa, ukoll jekk tali xhieda tkun indiretta ;*

*Illi, minbarra dan, gie stabbilit ukoll li "once an accused has properly been proved guilty of a particular criminal offence, Article 6(2) can have no application in relation to allegations made about an accused`s personality as part of the sentencing process, unless they are of such a nature and degree as to amount to the bringing of a new charge within the autonomous meaning of the Convention".*

Fil-kawza "**<u>Vella vs Malta</u>**" li kienet deciza mill-ECHR fil-11 ta` Frar 2014 inghad hekk :–

*"Article 6 § 2 safeguards "the right to be presumed innocent until proved guilty according to law". Viewed as a procedural guarantee in the context of a criminal trial itself, the presumption of innocence imposes requirements in respect of, inter alia, the burden of proof, legal presumptions of fact and law, the privilege against self-incrimination, pre-trial publicity and premature expressions, by the trial court or by other public officials, of a defendant`s guilt (see Allen [GC], cited above, § 93 and the case-law cited therein for examples of the above situations).*

…

*"As expressly stated in the terms of the Article itself, Article 6 § 2 applies where a person is "charged with a criminal offence". The Court has repeatedly emphasised that this is an autonomous concept and must be interpreted according to the three criteria set out in its case-law, namely the classification of the proceedings in domestic law, their essential nature, and the degree and severity of the potential penalty (see, among many other authorities on the concept of a "criminal charge", Engel and Others v. the Netherlands, 8 June 1976, § 82, Series A no. 22, and Phillips v. the United Kingdom, no. 41087/98, § 31, ECHR 2001-VII). To evaluate any complaint under Article 6 § 2 arising in the context of judicial proceedings, it is first of all necessary to ascertain whether the impugned proceedings involved the determination of a criminal charge, within the meaning of the Court`s case-law (see Allen [GC], cited above, § 95)."*

L-ilment tar-rikorrent huwa fis-sens li dan id-dritt tieghu kien vjolat ghaliex dam tliet snin il-habs ghad illi kien prezunt innocenti.

Ghandu jinghad illi fl-ewwel kawza kostituzzjonali, irrizulta li kien hemm vjolazzjoni tal-Art 34 tal-Kostituzzjoni fis-sens illi *"hadd ma ghandu jigi pprivat mil-liberta personali tieghu hlief jekk jista jkun awtorizzat b`ligi fil-kazijiet li gejjin"*.

Hemm il-Qorti qieset il-kumpens li kellu jinghata r-rikorrent ghal dik il-vjolazzjoni. Hadet konsiderazzjoni ta` dak kollu li ghadda minnu r-rikorrent kemm fil-granet li kien mizmum l-Kwartieri tal-Pulizija u kif ukoll fiz-zmien li dam il-habs sabiex fit-tmiem ta` tlett snin maqful spicca liberat minn kull imputazzjoni u piena.

Fis-sottomissjonijiet tieghu, ir-rikorrent jorbot din l-vjolazzjoni mal-fatt illi bil-*modus operandi* taghhom il-qrati ttrattaw lir-rikorrent daqs li kieku kien hati tar-reati addebitati lilu minflok sostnew il-prezunzjoni tal-innocenza tieghu. Ir-rikorrent isemmi n-numru ta` rikorsi li ntavola ghall-helsien mill-arrest, liema rikorsi kienu michuda kollha mill-qorti. Fl-agir tal-qrati kien kompartecipi l-Avukat Generali li oppona t-talbiet tieghu ghall-ghoti tal-liberta` provvizorja. Kien ghalhekk illi l-Avukat Generali kiser il-jedd tieghu ghall-prezunzjoni tal-innocenza.

Mill-atti tal-procediment kriminali jirrizulta li r-rikorrent ipprezenta rikorsi ghall-helsien mill-arrest :-

i) Fis-17 ta` Gunju 1982.
L-Avukat Generali oppona t-talba billi l-provi tal-Prosekuzzjoni ma kienux ghadhom konkluzi.

ii) Fl-20 ta` Lulju 1982.
L-Avukat Generali oppona it-talba ghaliex ghalkemm kienu konkluzi l-provi tal-Prosekuzzjoni, ir-rikorrent ma kienx jaghti affidament li jekk jinghata l-liberta ma jittentax jahrab.

iii) Fis-17 ta` Dicembru 1982.
L-Avukat Generali oppona t-talba ghall-istess ragunijiet.

iv) Fl-4 ta` Jannar 1983.
L-Avukat Generali oppona t-talba billi ma rrizultat l-ebda cirkostanza mir-rikors ta` qabel.

v) Fit-28 ta` Jannar 1983.
L-Avukat Generali oppona ghall-istess ragunijiet.

Sa dak il-mument, ma kienx ghadu hareg l-att ta` akkuza.

vi) Rega` kien hemm opposizzjoni mill-Avukat Generali fid-9 ta` Marzu 1983 u fl-10 ta` Awissu 1983. Fl-okkazjoni tal-ahhar, il-Qorti ordnat lill-Avukat Generali sabiex permezz ta` nota jiddikjara x`kienu l-kondizzjonijiet li fil-fehma tieghu kienu necessarji sabiex tkun akkordata l-liberta` provvizorja. L-Avukat Generali pprezenta n-nota rikjesta fis-17 ta` Awissu 1983. B`digriet tat-22 ta` Awissu 1983, it-talba tar-rikorrent kienet michuda.

vii) Wara talba ohra tar-rikorrent, l-Avukat Generali fit-13 ta` Gunju 1984 ha posizzjoni fis-sens illi jekk il-Qorti jidhrilha li ghandha takkorda l-liberta` provizzorja kellhom jigu mposti l-kondizzjonijiet li kienu elenkati fin-nota tas-17 ta` Awissu 1983.

Jidher li fil-kors tal-proceduri kriminali, ir-rikorrent ipprezenta tmien rikorsi sabiex jinghata l-liberta` provizzorja. Ghad illi inizjalment l-Avukat Generali kien qed jopponi t-talbiet, billi ma kienx ghadu maghluq l-istadju tal-provi tal-Prosekuzzjoni, ghar-rikorsi li saru wara l-hrug tal-att ta` akkuza, l-Avukat Generali ndika dawk li fil-fehma tieghu kellhom ikunu l-kondizzjonijiet ghall-helsien mill-arrest.

Ir-rikorrent mhuwiex jilmenta li garrab nuqqas ta` smigh xieraq ghax it-tribunal ma kienx imparzjali jew indipendenti. L-ilment tar-rikorrent huwa li bil-fatt li ma nghatax il-helsien mill-arrest allura kienet ivvjolata l-presunzjoni tal-innocenza.

Minn ezami tal-atti, partikolarment id-digrieti tal-Qorti tal-Magistrati, din l-Qorti ma tistax tikkonkludi li kien ivvjolat il-principju tal-presunzjoni ta` innocenza tar-rikorrent bil-fatt li ma kienx inghata l-helsien mill-arrest fil-kors tal-procediment.

Kif daqstant iehor wiehed ma jistax jikkonkludi illi ghax finalment r-rikorrent kien liberat fil-guri minn kull imputazzjoni jew piena, allura jfisser li bil-fatt li qabel fil-kors tal-procediment, ma kienx inghata l-helsien mill-arrest, allura dak jissarraf fi vjolazzjoni tal-presunzjoni tal-innocenza tieghu.

**It-tielet talba qeghda tkun rigettata**.

**4) Ir-raba` talba**

**Billi r-raba` talba hija konsegwenzjali ghall-ewwel, ghat-tieni u ghat-tielet talbiet, u billi l-ewwel tliet talbiet kienu michuda, ir-raba`**

**talba qeghda tkun respinta wkoll.**

**5) Il-hames talba**

Il-principji li jirregolaw l-istanza tad-dewmien fi procediment kriminali (u ndikati aktar `il fuq) ighoddu ghall-proceduri kostituzzjonali.

**a) In-natura jew il-komplessita` tal-kaz**

Ir-rikors kostituzzjonali 176/1987 kien prezentat fis-26 ta` Mejju 1987.

Fir-rikors, ir-rikorrent talab sabiex jigi dikjarat li kien soggettat ghal piena jew trattatment inuman u degradanti, u ghal arrest jew detenzjoni arbitrarja ; ghalhekk kien hemm vjolazzjoni tad-drittijiet fundamentali tieghu skond l-Art 34 u 36 tal-Kostituzzjoni.

**Din il-Qorti tistqarr mill-ewwel illi ghalkemm l-intimati kienu diversi, u l-fatti u cirkostanzi min-natura taghhom komplessi, il-kaz ma kellux jiehu tnejn u ghoxrin (22) sena biex ikun deciz finalment.**

**Del resto mill-istess indole taghha, kawza kostituzzjonali hija fl-essenza taghha procediment li timmerita trattament f`korsija preferenzjali. Dan il-principju jissarraf fi trattament xprunat ragonevolment minn konsiderazzjonijiet ta` speditezza aktar minn kull kaz iehor.**

**b) Il-kondotta tal-partijiet fil-kawza**

Sabiex il-Qorti tkun tista` taghmel l-evalwazzjoni taghha, huwa necessarju li tirrizulta l-kronologija tal-grajjiet saljenti tal-procediment, kemm fl-ewwel kif ukoll fit-tieni istanza, skond il-verbali tad-diversi udjenzi. Fil-bicca l-kbira taghhom, id-dati senjalati huma d-dati tal-udjenzi :-

**i) L-Ewwel Istanza**

1) Fis-26 ta` Mejju 1987, kien prezentat r-rikors kostituzzjonali.

2) Fl-4 ta` Gunju 1987, kienet prezentata r-risposta tal-Kummissarju

tal-Pulizija, u tal-intimati Supretendent Joseph Psaila u Supretendent Carmelo Bonello.

3) Fl-ewwel seduta, ir-rikorrent talab illi jigi formalment notifikat bl-appuntament tal-kawza. Ghalhekk il-kawza thalliet ghad-19 ta` Gunju 1987.

4) Mid-19 ta` Gunju 1987, il-kawza thalliet ghall-5 ta` Ottubru 1987.

5) Mill-5 ta` Ottubru 1987, il-kawza thalliet ghall-20 ta` Novembru 1987.

6) Wara talba ghal differiment mill-imputat, mill-20 ta` Novemrbu 1987 il-kawza thalliet ghat-2 ta` Dicembru 1987.

7) Fis-seduta tat-2 ta` Dicembru 1987 beda jixhed ir-rikorrent izda d-deposizzjoni tieghu kellha tkun sospiza ghaliex wiehed mill-avukati tal-intimati issejjah quddiem il-Qorti tal-Appell. Il-kawza ghalhekk baqghet ghall-15 ta` Dicembru 1987.

8) Fis-seduta tal-15 ta` Dicembru 1987, wiehed mill-intimati talab differiment u l-kawza thalliet ghad-19 ta` Jannar 1988.

9) Fis-seduta tad-19 ta` Jannar 1988, inghata differiment ghall-20 ta` Jannar 1988 ghaliex jidher illi l-partijiet ma kienux jafu bl-udjenza.

10) Fis-seduta tal-20 ta` Jannar 1988, deher biss ir-rikorrent u l-kawza thalliet ghat-18 ta` Marzu 1988.

11) Fit-18 ta` Marzu 1988, il-Qorti ddifferiet is-seduta ghat-22 ta` April 1988.

12) Fit-22 ta` April 1988, il-kawza thalliet ghat-trattazzjoni dwar l-eccezzjonijiet preliminari ghall-20 ta` Mejju 1988.

13) Fl-20 ta` Mejju 1988, wiehed mill-intimati talab ir-rikuza tal-imhallef sedenti milli jkompli jisma` l-kawza civili li kienet qeghda tinstema` flimkien mal-kawza kostituzzjonali. Il-kawza thalliet ghas-6 ta` Gunju 1988 ghal provvediment dwar it-talba ghar-rikuza.

14) Il-verbal tas-seduta tas-6 ta` Gunju 1988 huwa nieqes.

15) Fil-5 ta` Ottubru 1988, l-intimat Bonello informa lill-Qorti li kien se jipprezenta risposta ulterjuri u l-kawza baqghet ghat-12 ta` Ottubru 1988 ghal dak l-iskop.

16) Fit-12 ta` Ottubru 1988, kienet milqugha t-talba tar-rikorrent sabiex Lawrence Pullicino jigi kjamat fil-kawza. Il-kawza thalliet ghat-trattazzjoni dwar l-eccezzjoni tal-non-ezawriment tar-rimedji ordinarji ghall-25 ta` Novembru 1988.

17) Fil-25 ta` Novembru 1988, kienet trattata l-eccezzjoni tan-non-ezawriment tar-rimedji oprdinarji. Il-Qorti tat lir-rikorrent sat-30 ta` Dicembru 1988 sabiex jipprezenta dokumenti u nota ta` osservazzjonijiet ; tat ukoll lill-intimati sat-2 ta` Frar 1989 biex jipprezentaw n-noti taghhom ;

18) Fis-7 ta` Dicembru 1988, il-kjamat fil-kawza Lawrence Pullicino pprezenta r-risposta ;

19) Fit-2 ta` Frar 1989, ir-rikorrent ipprezenta dokumenti u nota ta` osservazzjonijiet. Il-kawza baqghet ghat-30 ta` Marzu 1989 sabiex l-intimati jipprezentaw noti responsivi ;

20) Fit-30 ta` Marzu 1989 irrizulta li n-nota tar-rikorrent ma kenitx notifikata lill-intimati ; ghalhekk il-kawza baqghet ghat-23 ta` Mejju 1989 sabiex jigu pprezentati n-noti responsivi ;

21) Fit-23 ta` Mejju 1989, irrizulta li r-rikorrent ma kienx ghadu nnotifika lill-intimati kollha bin-nota ta` sottomisjonijiet tieghu ; ghalhekk il-kawza thalliet ghat-30 ta` Gunju 1989 ;

22) Fit-30 ta` Gunju 1989, rega` rrizulta li n-nota ma kenitx ghadha notifikata ; ghalhekk il-kawza thalliet ghat-28 ta` Lulju 1989 ;

23) Fit-28 ta` Lulju 1989, sar l-istess verbal ; u l-kawza thalliet ghall-20 ta` Ottubru 1989 ;

24) Fl-20 ta` Ottubru 1989, jinghad ghall-ewwel darba illi l-kawza kostituzzjonali kienet miexja mal-kawza civili ; ghalhekk il-kawza baqghet ghall-1 ta` Dicembru 1989 ;

25) Fl-1 ta` Dicembru 1989, il-kawza baqghet ghall-15 ta` Dicembru 1989 ;

26) Mill-15 ta` Dicembru 1989, il-kawza baqghet ghat-18 ta` Jannar 1990 ;

27) Fit-18 ta` Jannar 1990, rega` nghad illi l-kawza kostituzzjonali kienet miexja mal-kawza civili, u l-kawza thalliet ghad-9 ta` Frar 1990 ;

28) Fid-9 ta` Frar 1990, il-kawza thalliet ghat-23 ta` Frar 1990 ;

29) Fit-23 ta` Frar 1990, rega` nghad illi l-kawza kostituzzjonali kienet miexja mal-kawza civili, u ghalhekk thalliet ghat-23 ta` marzu 1990 ;

30) Fit-23 ta` Marzu 1990 il-kawza thalliet ghas-6 ta` April 1990 ;

31) Fis-6 ta` April 1990, rega` nghad illi l-kawza kostituzzjonali kienet miexja mal-kawza civili, u ghalhekk il-kawza thalliet ghas-27 ta` April 1990 ;

32) Fis-27 ta` April 1990, il-kawza thalliet ghas-16 ta` Ottubru 1990 ;

33) Fis-16 ta` Ottubru 1990, rega` nghad illi l-kawza kostituzzjonali kienet miexja mal-kawza civili, u ghalhekk il-kawza thalliet ghad-9 ta` Novembru 1990 ;

34) Fid-9 ta` Novembru 1990, il-verbal tal-udjenza kien bhal ta` qabel u l-kawza thalliet ghas-7 ta` Mejju 1991 ;

35) Fis-7 ta` Mejju 1991, il-kawza thalliet ghat-12 ta` Gunju 1991 sabiex tkompli tinstema` minn Imhallef iehor ;

36) Fit-12 ta` Gunju 1991, rega` nghad illi l-kawza kostituzzjonali kienet miexja mal-kawza civili, u l-kawza thalliet ghall-21 ta` Ottubru 1991 ;

37) Mill-21 ta` Ottubru 1991, il-kawza baqghet ghall-provi tar-rikorrent ghat-22 ta` Jannar 1992 ;

38) Fit-22 ta` Jannar 1992, kien hemm talba ghal differiment li kienet michuda mill-Qorti. Ghalhekk xehed ir-rikorrent u l-kawza thalliet ghall-24 ta` Marzu 1992 ;

39) Fl-24 ta` Marzu 1992, l-intimat Carmelo Bonello talab sabiex jipprezenta nota ta` osservazzjonijiet dwar l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni. Ir-rikorrent ma opponiex it-talba purche` jkompli jressaq il-provi u tinghata sentenza wahda. Il-Qorti cahdet it-talba. L-intimat Bonello ddikjara li kien se jappella mid-digriet tal-Qorti. U l-kawza thalliet ghat-8 ta` Mejju 1992 biex ir-rikorrent ikompli jressaq il-provi tieghu ;

40) Fit-8 ta` Mejju 1992, irrizulta li sar appell ; ghalhekk il-kawza baqghet ghall-24 ta` Gunju 1992 ;

41) Fit-22 ta` Mejju 1992, quddiem il-Qorti Kostituzzjonali, kien riskontrat in-nuqqas ta` notifika ta` Lawrence Pullicino ; ghalhekk il-kawza thalliet ghall-10 ta` Gunju 1992 ;

42) Fl-10 ta` Gunju 1992, il-Qorti Kostituzzjonali sabet illi l-avvizi ma kienux gew notifikati u ghalhekk il-kawza thalliet ghall-5 ta` Ottubru 1992. Intant il-kawza fl-ewwel istanza pendenti l-esitu tal-appell thalliet ghall-25 ta` Novembru 1992 ;

43) Fil-5 ta` Ottubru 1992, saret it-trattazzjoni tal-appell quddiem il-Qorti Kostituzzjonali u l-kawza thalliet ghall-provvediment ghas-26 ta` Ottubru 1992 ;

44) Fis-26 ta` Ottubru 1992, inghata provvediment mill-Qorti Kostituzzjonali ;

45) Quddiem il-Qorti tal-Ewwel Istanza fl-udjenza tal-25 ta` Novembru 1992, ma sar xejn ghaliex ma deherx l-avukat tar-rikorrent ; ghalhekk il-kawza thalliet ghall-4 ta` Dicembru 1992 ;

46) Fl-udjenza tal-4 ta` Dicembru 1992, xehed r-rikorrent u l-kawza thalliet ghall-kontinwazzjoni ghal 22 ta` Jannar 1993 ;

47) Fl-udjenza tat-22 ta` Jannar 1993, kompla s-smigh tal-provi tar-rikorrent u l-kawza baqghet ghall-24 ta` Marzu 1993 ;

48) Fl-24 ta` Marzu 1993, komplew il-provi tar-rikorrent, u l-kawza thalliet ghat-12 ta` Mejju 1993 ;

49) Fit-12 ta` Mejju 1993, ir-rikorrent iddikjara li ghalkemm ried iharrek zewg xhieda ma kellux l-indirizzi taghhom ; ghalhekk il-kawza thalliet ghat-23 ta` Gunju 1993 ;

50) Fit-23 ta` Gunju 1993, ir-rikorrent talab sabiex tigi ezebita xiehda ta` persuna li xehed fil-guri u li kien jinsab imsiefer. Kien hemm opposizzjoni. Ir-rikorrent talab li jipprezenta nota ta` osservazzjonijiet. Il-Qorti laqghet it-talba, tat lir-rikorrent sat-30 ta` Lulju 1993 biex jipprezenta n-nota tieghu, u lill-intimati sat-30 ta` Awissu 1993 biex jipprezentaw taghhom. Il-kawza thalliet ghat-22 ta` Ottubru 1993 ;

51) Fit-22 ta` Ottubru 1993, il-Qorti sfilzat n-nota ta` osservazzjonijiet tar-rikorrent ghaliex dahlet tardivament ; il-kawza talliet ghall-1 ta` Dicembru 1993 ;

52) Il-verbal tal-udjenza tal-1 ta` Dicembru 1993 huwa nieqes.

53) Fit-30 ta` Mejju 1994, komplew il-provi tar-rikorrent, u l-kawza thalliet ghas-7 ta` Ottubru 1994 ;

54) L-istess gara fis-seduta tas-7 ta` Ottubru 1994 u l-kawza thalliet ghall-25 ta` Novembru 1994 ;

55) Waqt l-udjenza tal-25 ta` Novembru 1994, irrizulta li kellu jsir il-kontroezami ta` xhud li baqa` ma kien ingunt minn hadd. Fic-cirkostanzi ghalhekk il-kawza thalliet ghall-20 ta` Jannar 1995 sabiex isir il-kontroezami tax-xhud u ghall-provi tal-intimati ;

56) Fl-20 ta` Jannar 1995, ma kienx hemm progress u l-kawza thalliet ghas-17 ta` Marzu 1995 ;

57) Fis-17 ta` Marzu 1995, sar kontroezami u l-kawza thalliet ghall-provi tal-intimati ghas-26 ta` Mejju 1995 ;

58) Fis-26 ta` Mejju 1995, kompla jixhed ir-rikorrent u l-kawza thalliet ghat-13 ta` Ottubru 1995 ;

59) Fit-13 ta` Ottubru 1995, xehed ir-rikorrent in kontroezami u l-kawza thalliet biex fl-udjenza tas-17 ta` Novembru 1995 ikompli l-kontro-ezami tar-rikorrent u jitressqu provi ohra mill-intimati ;

60) Fis-17 ta` Novembru 1995, issokta l-kontro-ezami tar-rikorrent u l-kawza thalliet ghall-udjenza tad-19 ta` Jannar 1996 sabiex ikompli l-kontro-ezami tar-rikorrent u jitressqu provi ohra mill-intimati ;

61) Fid-19 ta` Jannar 1996 issokta l-kontro-ezami tar-rikorrent u l-kawza thalliet ghall-udjenza tat-23 ta` Frar 1996 sabiex ikompli l-kontro-ezami tar-rikorrent u jitressqu provi ohra mill-intimati ;

62) Fit-23 ta` Frar 1996, il-verbal kien bhall-udjenza ta` qabel u l-kawza thalliet ghad-19 ta` April 1996 ;

63) Fid-19 ta` April 1996 intemm il-kontro-ezami tar-rikorrent u l-kawza thalliet sabiex l-intimat Bonello jressaq il-provi tieghu fis-26 ta` Gunju 1996 ;

64) Fid-26 ta` Gunju 1996, xehed l-intimat Bonello u l-kawza thalliet ghall-kontinwazzjoni tal-intimat Bonello ghat-30 ta` Ottubru 1996 ;

65) Fit-30 ta` Ottubru 1996, Bonello talab differiment ; it-talba tieghu kienet milqugha u l-kawza thalliet ghall-25 ta` Novembru 1996 ;

66) Fil-25 ta` Novembru 1996, beda l-kontroezami tal-intimat Bonello, u l-kawza thalliet biex ikompli l-kontroezami ghad-29 ta` Jannar 1997 ;

67) Fid-29 ta` Jannar 1997, kompla l-kontroezami izda billi ma kienx mitmum thalla ghad-9 ta` April 1997 ;

68) Fid-9 ta` April 1997, ma deherx l-intimat Bonello, ma sar xejn u l-kawza thalliet ghat-2 ta` Gunju 1997 ;

69) Fit-2 ta` Gunju 1997, gara ezatt bhas-seduta ta` qabel u l-kawza thalliet ghat-3 ta` Ottubru 1997 ;

70) Fit-3 ta` Ottubru 1997, ir-rikorrent iddikjara li kien temm il-kontroezami ta` Bonello u l-kawza thalliet sabiex Bonello jkompli jressaq il-provi tieghu fid-19 ta` Novembru 1997 ;

71) Fid-19 ta` Novembru 1997, kompla l-gbir tal-provi u l-kawza thalliet ghall-21 ta` Jannar 1998 ;

72) L-istess gara fl-udjenza tal-21 ta` Jannar 1998, tat-18 ta` Marzu 1998, tat-13 ta` Mejju 1998, u tal-5 ta` Gunju 1998 ;

73) Fis-seduta ta` wara u cioe` dik tal-24 ta` Gunju 1998, ma sar xejn ghaliex ma tharrkux xhieda ; ghalhekk il-kawza baqghet ghall-4 ta` Novembru

1998 ;

74) Fis-seduti tal-4 ta` Novembru 1998, tal-4 ta` Dicembru 1998 u tat-18 ta` Jannar 1999, kompla l-gbir tal-provi ;

75) Fis-15 ta` Marzu 1999, il-Qorti tat digriet fejn irrevokat il-kjamata fil-kawza ta` Anthony Mifsud Tommasi li allura kien estromess mill-kawza. L-intimat Bonello kompla jressaq provi u l-kawza thalliet ghas-26 ta` Mejju 1999 ;

76) Il-gbir tal-provi kompla fis-seduti tas-26 ta` Mejju 1999 u tat-28 ta` Gunju 1999 ;-

77) Ma tressqux provi fis-seduti tal-10 ta` Dicembru 1999 u tal-24 ta` Jannar 2000 ;

78) Xhud li kien ingunt ghas-seduta tal-25 ta` Frar 2000 ma deherx u allura ma sar xejn ; il-gbir tal-provi kompla fl-udjenza tat-12 ta` April 2000 bil-kawza tithalla mbaghad ghat-28 ta` April 2000 ;

79) Is-seduta tat-28 ta` April 2000 baqghet ghat-23 ta` Gunju 2000. Minn hemm il-kawza marret ghad-29 ta` Novembru 2000 sabiex tinstema` minn Imhallef iehor ;

80) Fid-29 ta` Novembru 2000, inghata digriet sabiex l-intimati jipprezentaw l-affidavits taghhom quddiem Assistent Gudizzjarju li l-Qorti hatret sabiex jigbor il-provi. Il-kawza thalliet ghall-1 ta` Marzu 2001 ;

81) Il-verbal tas-seduta tal-1 ta` Marzu 2001 huwa nieqes ;

82) Fil-5 ta` Gunju 2001, il-kawza kellha tmur ghall-20 ta` Gunju 2001 billi ghal xi raguni l-isem tal-kawza ma kienx fuq il-lista ;

83) Fl-20 ta` Gunju 2001, l-intimat Bonello ddikjara li kien baqaghlu xhud wiehed. Ghalhekk il-Qorti ordnat l-intimati l-ohra sabiex permezz ta` nota jindikaw min kienu x-xhieda taghhom. Il-provi kellhom jibqghu jinstemghu mill-Assistent Gudizzarju. Il-kawza thalliet ghall-1 ta` Novembru 2001 ;

84) Waqt l-udjenza tal-1 ta` Novembru 2001, irrizulta li r-rikorrent kien ipprezenta rikors fit-18 ta` Settembru 2001, li ma kienx ghadu notifikat. Il-kawza thalliet ghal provvediment dwar ir-rikors ghat-30 ta` Jannar 2002 ;

85) Mit-30 ta` Jannar 2002, il-kawza thalliet ghad-9 ta` April 2002 ;

86) Fid-9 ta` April 2002, il-Qorti ordnat lill-Assistent Gudizzjarju sabiex tappunta numru ta` seduti sabiex fihom l-intimati jressqu l-provi kollha taghhom. In segwitu is-smigh tal-provi kellu jkun dikjarat maghluq. Il-kawza thalliet ghall-1 ta` Ottubru 2002 ;

87) Fl-1 ta` Ottubru 2002, kien verbalizzat semplicement illi l-Assistant

Gudizzjarju kien qed izomm seduti u l-kawza baqghet ghas-6 ta` Marzu 2003 ;

88) Fis-6 ta` Marzu 2003, il-Qorti ordnat sabiex jigu ffissati l-ahhar zewg seduti quddiem l-Assistent Gudizzjarju. Il-kawza thalliet ghat-8 ta` Mejju 2003 ;

89) Fit-8 ta` Mejju 2003, il-Qorti ddikjarat l-gheluq tal-provi u dderigiet lill-partijiet sabiex jipprezentaw noti ta` osservazzjonijiet ;

90) Fid-9 ta` Ottubru 2003, minflok saret t-trattazzjoni finali, kienu mahtura esperti psikjatri sabiex jaghmlu rapport bil-kawza tithalla ghall-15 ta` Jannar 2004 ghall-prezentata tar-rapport ;

91) Fil-15 ta` Jannar 2004, kien prezentat ir-rapport ; ir-rikorrent talab il-hatra ta` periti addizzjonali ; intant il-kawza baqghet ghat-3 ta` Marzu 2004 sabiex isir l-ezami tar-rapport u l-eskussjoni tal-perit ;

92) Il-verbal tas-seduta tat-3 ta` Marzu 2004 huwa nieqes ;

93) Fit-13 ta` Mejju 2004, il-Qorti tat bidu ghall-hatra ta` periti addizzjonali bil-kawza tibqa` ghas-26 ta` Ottubru 2004 ;

94) Mis-26 ta` Ottubru 2004, il-kawza baqghet ghat-8 ta` Marzu 2005 ;

95) Fit-8 ta` Marzu 2005, kien riskontrat il-fatt li l-periti addizzjonali ma kienux ghadhom pprezentaw ir-rapport taghhom. Il-kawza baqghet ghas-26 ta` April 2005 ;

96) Fis-26 ta` April 2005, irrizulta li r-rapport tal-periti perizjuri ma kienx ghadu prezentat ; ghalhekk il-Qorti ordnat lill-intimati sabiex iharrku lill-periti ghas-seduta tas-17 ta` Mejju 2005 ;

97) Mis-17 ta` Mejju 2005, il-kawza baqghet ghat-8 ta` Novembru 2005 ;

98) Fit-8 ta` Novembru 2005, il-periti perizjuri la dehru u lanqas ipprezentaw ir-rapport taghhom. Il-kawza baqghet ghas-26 ta` Jannar 2006 u minn hem mil-kawza marret ghat-22 ta` Marzu 2006 ;

99) Il-periti addizzjonali dehru fl-udjenza tat-22 ta` Marzu 2006 u pprezentaw ir-rapport ; il-kawza thalliet ghall-hlas tar-rapport u ghall-kontinwazzjoni ghall-31 ta` Mejju 2006 ;

100) Billi sal-31 ta` Mejju 2006, irrizulta li r-rapport ma kienx thallas, il-kawza thalliet ghall-ahhar darba ghall-hlas tar-rapport ghas-27 ta` Gunju 2006 ;

101) Fis-27 ta` Gunju 2006, kien mahluf ir-rapport izda billi l-partijiet ma kellhomx kopja tal-istess il-kawza thalliet ghas-17 ta` Ottubru 2006 ghall-ezami tar-rapport ;

102) Fis-17 ta` Ottubru 2006, il-kawza thalliet sabiex jitharrku l-periti perizjuri ghall-udjenza tal-24 ta` Jannar 2007 ;

103) Fl-24 ta` Jannar 2007, saret l-eskussjoni tal-periti. Ir-rikorrent kien indirizzat mill-Qorti sabiex jipprezenta prospett fejn jikkwantifika d-danni li qed jippretendi. Il-kawza thalliet ghall-21 ta` Marzu 2007 ;

104) Billi sal-21 ta` Marzu 2007, il-prospett ma kienx ghadu prezentat, il-kawza baqghet ghad-29 ta` Mejju 2007 ;

105) Fid-29 ta` Mejju 2007, il-Qorti sabet li r-rikorrent kien pprezenta l-prospett tad-danni, li pero` ma kienx spjegat ; ghalhekk il-Qorti tat lir-rikorrent sabiex jipprezenta nota fejn ighid kif wasal ghal dak l-ammont u halliet il-kawza ghas-26 ta` Gunju 2007 ;

106) Mis-26 ta` Gunju 2007, il-kawza baqghet ghat-trattazzjoni finali ghat-30 ta` Ottubru 2007 ;

107) Fit-30 ta` Ottubru 2007, l-intimati talbu sabiex jipprezentaw nota u l-Qorti accettat ; il-kawza ghalhekk thalliet ghat-12 ta` Dicembru 2007 ;

108) Billi l-intimati baqghu ma pprezentawx in-nota taghhom, huma talbu estensjoni lill-Qorti fis-seduta tat-12 ta` Dicembru 2007, talba li l-Qorti akkordat. Il-kawza baqghet ghas-sentenza ghat-13 ta` Marzu 2008 ;

109) Fit-13 ta` Marzu 2008, il-Qorti ordnat s-sospensjoni tal-prolazzjoni tas-sentenza ghaliex l-kwaza kostituzzjonali kienet miexja mal-kawza civili 405/87. Ghalhekk thalliet ghall-15 ta` April 2008 ;

110) Fil-15 ta` April 2008, kienet akkolta t-talba tal-intimat Psaila sabiex jipprezenta nota ta` sottomissjonijiet. Il-kawza baqghet ghall-14 ta` Ottubru 2008 ;

111) Mill-14 ta` Ottubru 2008, il-kawza thalliet ghat-30 ta` Ottubru 2008

112) Fit-30 ta` Ottubru 2008, il-kawza kienet deciza fl-Ewwel Istanza.

**ii) <u>It-Tieni Istanza</u>**

1) Ma jidhirx verbal tas-26 ta` Jannar 2009 ;

2) Fit-2 ta` Marzu 2009, quddiem il-Qorti Kostituzzjonali, kien jonqos in-notifika ta` Joseph Psaila wara l-appell interpost minn Carmelo Bonello ; kien ukoll l-astensjoni ta` tnejn mill-Imhallfin ; il-kawza thalliet ghad-9 ta` Marzu 2009 ;

3) Fid-9 ta` Marzu 2009, kienet trattata pregudizzjali sollevata minn

wiehed mill-intimati u l-kawza thalliet ghat-22 ta` April 2009 ;

4) Mit-22 ta` April 2009, il-kawza thalliet ghat-23 ta` April 2009, u minn din l-ahhar data ghall-21 ta` Mejju 2009 ;

5) Fil-21 ta` Mejju 2009, l-intimati (hlief l-Avukat Generali) ittrattaw u l-kawza thalliet ghall-10 ta` Gunju 2009 ;

6) Fl-10 ta` Gunju 2009, il-partijiet kollha ghamlu s-sottomissjonijiet taghhom u l-kawza thalliet ghas-sentenza ghat-18 ta` Settembru 2009 ;

7) Il-kawza kienet deciza fit-Tieni Istanza fit-18 ta` Settembru 2009.

Abbazi tal-fatti li johorgu mill-kronologija tal-iter tal-kawza, jirrizulta li l-kawza hadet dewmien bla bzonn biex tkun deciza finalment. Ghal dan id-dewmien ikkonkorrew il-partijiet kollha – hadd eskluz. Ghalkemm ir-rikorrent deher *di prima persona* kwazi ghall-udjenzi kollha, kien registrat dispendju ta` zmien irragonevoli sabiex igib `il quddiem il-provi tieghu u sabiex jaghmel sottomissjonijiet bil-kitba. Infatti dam seba` (7) snin bejn l-1987 u l-1994 sabiex iressaq il-provi tieghu. Meta l-Ewwel Qorti tat terminu ghall-presentata ta` noti ta` sottomissjonijiet, ir-rikorrent talab il-hatra ta` espert psikjatra u wara talab ukoll il-hatra ta` periti addizzjonali. Min-naha tal-intimati, kien hemm nuqqasijiet ukoll. Infatti kien hemm numru gmielu ta` udjenzi fejn l-intimati naqqsu li jressqu provi (ara l-udjenzi tal-24 ta` Gunju 1998, tat-18 ta` Jannar 1999, tal-10 ta` Dicembru 1999 u tal-24 ta` Jannar 2000). L-intimati damu disgha (9) snin shah, u cioe` bejn l-1994 u l-2003, biex igib l-provi u hadu numru ta` udjenzi biex jipprezentaw n-noti ta` sottomissjonijiet finali taghhom. Hija l-fehma konsiderata ta` din il-Qorti illi l-kondotta tal-partijiet ma tatx sostenn lill-Qorti sabiex il-kawza timxi `l quddiem bil-heffa li kienet timmerita.

## c) <u>Il-mod kif il-proceduri kostituzzjonali gew kondotti mill-Qorti</u>

Din l-Qorti tistqarr minghajr l-icken esitazzjoni li ma jaghmel l-ebda sens li l-kawza kostituzzjonali de qua hadet tnejn u ghoxrin (22) sena sabiex tkun deciza finalment. L-iter ma hax fit-tul ghaliex fil-kors tal-procediment inqalghu xi intoppi straordinarji li kienu jinnecessitaw approfondiment, izda ghaliex ma kenitx realizzata bizzejjed u kif kellu jkun, il-finalita` li ghandha kull kawza kostituzzjonali, u cioe` li fejn si tratta ta` allegata vjolazzjoni ta` jeddijiet fondamentali, il-heffa hija l-priorita`, nonostante l-komplessita` tal-mertu. Lanqas ma jaghmel sens ghaliex ghal xi zmien il-procediment kostituzzjonali waqaf ghaliex jidher li kien dipendenti fuq l-esitu ta` kawza civili istitwita mir-rikorrent. Il-proceduri kostituzzjonali ghandhom jiehdu dejjem il-precedenza u mhux isir il-maqlub. Mhuwiex gustifikabbli li wara li kienu diga` ghaddew tlettax-il (13) sena fi gbir ta` provi mill-Qorti, is-smigh tal-provi mill-Qorti jieqaf hesrem, ghaliex inbidel l-Imhallef li kien qed jisma` l-kawza, u l-Imhallef il-gdid kien tal-fehma li l-kawza ma kellhiex tibqa` tinstema` mill-Qorti izda minn

Assistent Gudizzjarju, li min-naha tieghu ttratta l-procediment kostituzzjonali daqs li kieku kien qed jisma` u jigbor provi fi kwalsiasi kawza civili ordinarja. Bhala prassi Assistent Gudizzjarju m`ghandux ikun assenjat il-kompitu li jigbor il-provi fi procediment kostituzzjonali. Smigh ta` provi minn Assistant Gudizzjarju ghandu jkun cirkoskritt ghal kazi eccezzjonali hafna u jkun limitat ghal smigh ta` numru limitat ta` xhieda sabiex il-Qorti ma titlef qatt is-sensitivita` tal-kaz. Ghalhekk ghalkemm kien accertat illi l-partijiet ikkontribwew sabiex isehh il-ksur tal-jedd ghal smigh xieraq fi zmien ragonevoli, il-kondotta tal-Qorti fit-trattazzjoni tal-kaz fl-Ewwel Istanza kompla jissigilla l-ksur tal-jedd.

**Il-Qorti qeghda <u>tilqa</u>` l-hames talba.**

**6) <u>Is-sitt talba</u>**

**Il-Qorti hija tal-fehma li r-rikorrent haqqu li jkun ikkompensat talli kien ivvjolat id-dritt tieghu ghal smigh xieraq kagun tad-dewmien irragonevoli li ha l-procediment kostituzzjonali tieghu sabiex ikun deciz finalment. Il-Qorti hadet in konsiderazzjoni l-fatt tad-dewmien li - <u>oggettivament</u> – kien bla dubju eccessiv u esagerat, il-fatt <u>aktar gravi</u> u cioe` li d-dewmien sehh fi procediment kostituzzjonali fejn il-heffa tas-smigh ghandha tkun il-priorita`, u l-fatt li d-dewmien bla raguni ghal tnejn u ghoxrin (22) sena shah igib mieghu ncertezza, frustrazzjoni u ansjeta`.**

**Il-Qorti qieset ukoll il-kumpless ta` fatturi li kienu kontributorji ghad-dewmien. Ghalkemm il-partijiet <u>inkluz</u> ir-rikorrent ikkonkorrew sabiex il-kawza damet, hija l-fehma ponderata taghha illi l-akbar piz ghandha terfghu l-Qorti li fl-Ewwel Istanza ma ezercitax dixxiplina u kontroll fuq l-iter tal-kawza u fuq il-komportament tal-partijiet li kienu essenzjali, u li l-kaz kien jimmerita. Ghal dak in-nuqqas hekk evidenti u mifrux kif jixhed l-iter processwali, ir-rikorrent ghandu jigi kkumpensat.**

**Ghaldaqstant tenut kont tal-fatt u cirkostanzi partikolari ta` dan il-kaz, din il-Qorti qeghda tillikwida favur ir-rikorrent kumpens fl-ammont komplessiv ta` ghaxart elef Ewro (€10,000).**

**<u>Decide</u>**

**Ghar-ragunijiet kollha premessi, il-Qorti qeghda taqta` u tiddeciedi din il-kawza billi :-**

**Tilqa` in parti l-ewwel eccezzjoni safejn din l-eccezzjoni tolqot it-tieni talba u ghalhekk filwaqt illi tichad il-bqija tal-eccezzjoni kif dedotta tichad ukoll it-tieni talba.**

**Tichad l-eccezzjonijiet l-ohra.**

**Tichad l-ewwel, it-tielet u r-raba` talbiet.**

**Tilqa` il-hames talba.**

**Tilqa` s-sitt talba, li hija konsegwenzjali ghall-hames talba, u filwaqt illi qeghda tillikwida s-somma ta` ghaxart elef Ewro (€10,000) bhala kumpens favur ir-rikorrent ghall-vjolazzjoni tal-jedd fondamentali tieghu ta` smigh xieraq skond l-Art 39 tal-Kostituzzjoni ta` Malta, u skond l-Art 6 tal-Konvenzjoni ghall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fondamentali, tordna lill-intimat sabiex ihallas l-ammont hekk likwidat bl-imghax legali b`effett mil-lum.**

**Bl-applikazzjoni tal-Art 223(3) tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta` Malta, tordna li kull parti tbati l-ispejjez taghha.**

**Onor. Joseph Zammit McKeon**
**Imhallef**

**Amanda Cassar**
**Deputat Registratur**